DISKORS TAL-BUDGET

# 2020

MALTA
INKOMPLU NIKBRU
**FLIMKIEN**

EDWARD SCICLUNA
MINISTRU GĦALL-FINANZI

## Werrej

paġna

1. INTRODUZZJONI ............................................................. 1

1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja ............................................................. 2

1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi ............................................................. 5

2. ĠID LI JASAL GĦAND KULĦADD............................................................. 12

2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja ............................................................. 12

2.2 Bonus addizzjonali ............................................................. 13

2.3 Żieda ta' ġurnata oħra ta' leave ............................................................. 13

2.4 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem ............................................................. 13

2.5 Tnaqqis tar-rata tat-Taxxa fuq dħul minn Overtime............................................................. 14

2.6 Aktar miżuri biex jonqos ix-xogħol ta' prekarjat u ta' abbużi fuq il-ħlas tal-Boll............................................................. 14

2.7 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju............................................................. 15

2.8 Eżenzjoni mill-Ħlas ta' VAT fuq servizzi Edukattivi............................................................. 15

2.9 Aktar miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar............................................................. 16

2.10 Aktar Żidiet fil-pensjonijiet............................................................. 16

2.11 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet............................................................. 17

2.12 Persuni li rtiraw mill-Forzi Dixxiplinati............................................................. 17

2.13 Pensjoni miżjuda għal dawk fis-servizz jew settur pubbliku li baqgħu jaħdmu wara li laħqu l-età bejn l-2016 u l-2018............................................................. 18

2.14 Pensjonanti tas-Servizz............................................................. 19

2.15 Bonus għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni............................................................. 19

2.16 Rata waħda ta' allowance għat-tfal tar-romol............................................................. 19

2.17 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi............................................................. 20

2.18 Inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati............................................................. 20

2.19 Aktar titjib fil-Ħlas tal-Għajnuna Supplimentari............................................................. 21

2.20 Titjib fl-Għotja għall-anzjani li jibqgħu jgħixu f'darhom............................................................. 21

2.21 Għotja lill-anzjani li qegħdin f'dar residenzjali privata....22
2.22 Government Savings Bonds għall-pensjonanti....22
2.23 Tal-Linja Card b'xejn għall-Anzjani 75+....22
2.24 Miżuri għall-familji bit-tfal....22
2.25 Introduzzjoni ta' Bonus għal Twelid ta' Tarbija jew Adozzjoni....23
2.26 L-aħħar fażi tar-riforma tal-pensjoni tad-diżabilità....24
2.27 Titjib fil-Pensjoni tal-Invalidità....24
2.28 Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità....25
2.29 Assistenza għal Diżabilità għal persuni neqsin mis-smigħ jew li ma jitkellmux....25
2.30 Titjib fil-Liġi biex ngħinu aktar lil persuni vulnerabbli....25
2.31 Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet akkreditati għal ġenituri bi tfal b'mard rari....28
2.32 Għajnuna għal persuni li jbatu mill-Fibromyalgia u ME....28
2.33 Ħlas tal-Benefiċċju għall-Mard....29

3. IL-HOUSING....33
3.1 Estensjoni ta' skemi eżistenti....33
3.2 Għajnuna liż-żgħażagħ biex ikunu sidien ta' darhom....34
3.3 Benefiċċju tal-kera – djar soċjali u djar affordabbli....35
3.4 Units ġodda ta' Housing Soċjali....36
3.5 Riġenerazzjoni ta' propjetà dilapitata....36
3.6 Proġetti speċjali....36
3.7 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar....37
3.8 Il-Qasam tal-Propjetà....37
3.9 Taxxa tal-Boll fuq Ċessjonijiet....37
3.10 Reġistru tal-Artijiet....38

4. LEJN ŻVILUPP SOSTENIBBLI....39
4.1 Tibdil fil-Klima....39
4.2 Immaniġġjar tal-Iskart....41
4.3 Vetturi li ma jniġġsux....41
4.4 Tariffi tad-dawl orħos biex tiċċarġja l-vetturi elettriċi....42

4.5 Introduzzjoni ta' Skema fuq ġbir ta' kontenituri tax-xorb.................42
4.6 Tnaqqis ta' Plastik li jintuża darba waħda.............................................43
4.7 Aktar Afforestazzjoni u proġetti ambjentali..........................................43
4.8 Park Nazzjonali f'Ta' Qali.............................................................................44
4.9 L-Indafa Pubblika...........................................................................................45
4.10 Industrija tal-kostruzzjoni iktar sostenibbli...........................................45
4.11 Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ....................................................................46
4.12 Enerġija.............................................................................................................47
4.13 Grant għal batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli...................48
4.14 L-Immaniġġjar tal-Ilma................................................................................49

5. INKOMPLU NSAĦĦU L-INFRASTRUTTURA..........................................................51
5.1 Infrastruttura....................................................................................................51
5.2 Trasport.............................................................................................................52
5.3 Konnettività' fuq il-baħar............................................................................54
5.4 Għotja fuq xiri ta' roti, roti tal-elettriku (pedelec bicycles) u muturi...............................................................................................................55
5.5 Investiment f'mezzi ta' trasport alternattiv............................................55
5.6 Skemi Oħrajn....................................................................................................55

6. SAĦĦA U EDUKAZZJONI..........................................................................................56
6.1 Saħħa..................................................................................................................56
6.2 Servizzi tas-Saħħa Ġodda............................................................................56
6.3 Saħħa Mentali..................................................................................................57
6.4 Mediċini ġodda...............................................................................................58
6.5 Strateġija u riċerka........................................................................................58
6.6 Edukazzjoni......................................................................................................59
6.7 Inkomplu ninvestu f'teknoloġija avvanzata għall-iskejjel tagħna................................................................................................................59
6.8 Nissoktaw bl-investiment fl-MCAST u fl-Università ta' Malta..........60
6.9 Aktar investiment biex nimmodernizzaw l-iskejjel............................60
6.10 Transport kollettiv b'xejn minn u lejn l-iskejjel kollha.........................61
6.11 Insaħħu l-lingwa Maltija u nippromwovu t-tagħlim tal-lingwi barranin...........................................................................................................62

6.12 Miżuri favur ħajja sana...62
6.13 Inkomplu nilħqu aktar Żgħażagħ...63
6.14 Istitut għall-Istudji Turistiċi...63
6.15 Inkomplu nnaqqsu l-Iskills Gap...64
6.16 Il-Bibljoteka Nazzjonali u l-Librerija Pubblika...64
6.17 Pjazza Teatru Rjal...65
6.18 Kultura u l-Patrimonju Nazzjonali...65

7. KOMPETITTIVITÀ U ATTIVITÀ EKONOMIKA...67
7.1 Il-Bank Malti ta' Żvilupp...67
7.2 Ħidma mill-Borża ta' Malta...68
7.3 Is-Settur tas-Servizzi Finanzjarji...68
7.4 Intelliġenza Artifiċjali, Cyber Security, Internet of Things...69
7.5 Strateġija Nazzjonali tal-Ispazju...70
7.6 Video Game Development u Esports...71
7.7 Is-Settur tal-Manifattura...72
7.8 Żoni Industrijali...72
7.9 Żona Sportiva u tal-Intrapriża fil-Marsa...72
7.10 Għajnuna favur l-integrazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol...73
7.11 Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd...73
7.12 Għajnuna lill-bdiewa u sajjieda Żgħażagħ full-time...75
7.13 Turiżmu...75
7.14 Air Malta...78
7.15 Avjazzjoni...78
7.16 Qasam Marittimu...79
7.17 Miżuri dwar tnaqqis ta' burokrazija għall-intrapriżi...79
7.18 Inkomplu ninvestu f'Għawdex...80
7.19 Inċentiv għall-ħolqien ta' impjiegi f'Għawdex...81
7.20 Il-Konnettività...82
7.21 Il-mina bejn Malta u Għawdex...83
7.22 Aktar proġetti...84
7.23 Il-Wirt Kulturali Għawdxi...86

8. GĦAL ĦAJJA AKTAR SIGURA U SERENA....88
8.1 Titkompla r-Riforma fil-Qasam tal-Ġustizzja....88
8.2 Strateġija kontra Evażjoni Fiskali u l-Ħasil ta' Flus....89
8.3 Kontrol tal-Użu ta' Flus Kontanti....91
8.4 Aktar investiment fid-Dwana....91
8.5 Il-Forzi Armati ta' Malta....92
8.6 Il-Korp tal-Pulizija....93
8.7 Tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili....94
8.8 Aktar titjib fil-Faċilitajiet Korrettivi....95
8.9 Immigrazzjoni Illegali....96
8.10 Ċittadinanza....98
8.11 Kunsilli Lokali....98
8.12 Ugwaljanza u Drittijiet tal-Bniedem....98
8.13 Inkomplu Riformi fejn jidħlu persuni vulnerabbli....99
8.14 Il-Qasam tal-Volontarjat....102
8.15 Aktar investiment fl-Isport....102
8.16 Ħidma barra minn Xtutna....103
8.17 Affarijiet Ewropej....104

9. GĦELUQ....106

# 1. INTRODUZZJONI

Sur President,

Dan huwa it-tmien baġit li qed inressaq f'isem il-Gvern mill-2013 'l hawn. Nistgħu ngħidu li jekk hemm xi ħaġa li qed tinbidel ma' kull baġit huma l-isfidi. Sfidi li dan il-Gvern qatt ma beża' minnhom, iffaċċjahom u indirizzahom. L-isfidi tal-ewwel snin kienu li nibnu l-ekonomija filwaqt li ntejbu l-governanza fiskali biex sew l-ekonomija Maltija u l-finanzi pubbliċi tagħha jsiru sostenibbli.

L-ewwel ma għamilna kien li kabbarna l-potenzjal tal-ekonomija li tkun tista' tilħaq miri li ma konniex qatt noħolmu li setgħu jintlaħqu. Dawn saru permezz ta' riformi bil-ħsieb u bl-għaqal. Riformi, li għalkemm dak in-nhar kien hemm min prova jċekkinhom, illum qed insibu rappreżentanti ta' gvernijiet barranin isaqsuna biex isiru jafu aktar dwarhom.

L-istess nistgħu ngħidu għall-finanzi tal-gvern. Kellhom jgħaddu madwar tletin sena biex pajjiżna juri li l-vizzju tad-dejn jista', b'determinazzjoni soda tal-gvern tiegħu, jingħeleb u jinqata'. Biex il-familji Maltin u Għawdxin jaraw gvern li minflok iħalli lill-ulied id-dejn iħallilhom il-ġid.

M'hemm l-ebda dubju li s-suċċess iġib miegħu sfidi ġodda. Nibdew naraw b'mod mistenni li l-familji tagħna jnaqqsu jekk mhux jieqfu jiddibattu kif uliedhom isibu x-xogħol, jew li żwieġhom fin-negozju tiżdidilhom il-konkorrenza, kif iċ-childcare qed jifnihom, jew kif jistgħu l-pensjonanti jinqalgħu mill-faqar li ħallewhom fih gvernijiet tal-passat.

Minflok id-diskors qed jibda jmur fuq issues li jolqtu l-mod kif dan is-suċċess issa għandu jiġi mmaniġġjat sabiex il-qabża fil-kwalita' ta' ħajja aħjar li esperjenza dawn l-aħħar seba' snin, tippersisti fil-futur. Jiġifieri kif it-tkabbir ekonomiku ikun veru sostenibbli. Kif il-ġid ma għandniex inħalluh jitla' għal rasna, kif għandna ngawdu s-suċċess filwaqt li nibqgħu saqajna mal-art. Li naraw kif bil-għaqal l-ambjent mibni ta' madwarna jisbieħ. Kif l-ambjent naturali nipproteġuh u nsebbħuh. Kif pajjiżna nżommuh aktar nadif. Kif il-qalba ta' kull belt u raħal tkun aċċessibbli għall-familja mingħajr traffiku. Kif il-poplu jinduna li b'bidliet gradwali fl-istil tal-ħajja jgħinu wkoll biex ngħixu aħjar.

Dan il-Gvern mhux biss huwa konxju ta' dawn l-isfidi iżda bħalma għamel fil-passat ma jiddejjaqx jieħu deċiżjonijiet kruċjali biex jiżgura sew is-sostenibbilita' tal-livell ta' għajxien li ntlaħaq sal-lum, u jara li pajjiżna jagħraf li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja fis-sens wiesa' tiegħu.

Sur President, dan hu l-ħsieb wara t-tfassil ta' dan il-baġit li permezz tiegħu jara li jkomplu jinżlu l-piżijiet fuq il-familja.

Fil-fatt, għas-sena d-dieħla dan il-Baġit se jerġa' ma jżidx taxxi. B'hekk dan se jkun it-tielet baġit bla taxxi. Barra minn hekk, qed nippjanaw li s-sena d-dieħla nispiċċaw b'Surplus, il-ħames sena wara l-oħra.

## 1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja

Sur President, fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, l-ekonomija Maltija kibret b'4.7 fil-mija. Dan it-tkabbir kien iktar mit-tliet darbiet akbar mill-medja tat-tkabbir ta' 1.4 fil-mija fl-Unjoni

Ewropea. F'termini nominali, it-tkabbir fil-PDG laħaq is-7.3 fil-mija.

Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, l-investiment kien il-mutur ewlieni wara t-tkabbir, hekk kif żdied b'14.2 fil-mija. Il-konsum privat ukoll ikkontribwixxa għat-tkabbir ekonomiku b'żieda ta' 4.5 fil-mija. Iż-żieda b'saħħitha fl-investiment wasslet sabiex l-importazzjoni tiżdied bi 2.2 fil-mija. Iż-żieda fl-esportazzjoni kienet ta' 1.5 fil-mija.

Dan kollu rrifletta f'żidiet sostanzjali ta' 5.7 fil-mija f'pagi u salarji u ta' 9.5 fil-mija fi profitti tal-kumpaniji.

It-tkabbir ekonomiku kompla jkun diversifikat matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, hekk kif is-setturi kollha, kemm dawk tal-industrija u kemm dawk tas-servizzi, irreġistraw żidiet fil-Valur Miżjud Gross li b'mod globali żdied b' 7.5 fil-mija.

Is-suq tax-xogħol f'pajjiżna kompla jkun dinamiku matul din is-sena bin-numru ta' nies impjegati issa jilħaq il-230,000 (mitejn u tletin elf persuna). Is-settur privat kompla jkun il-mutur ewlieni wara tkabbir fl-impjiegi, b'żieda ta' aktar minn 90 fil-mija tal-impjiegi ġodda.

Ir-rata ta' qgħad, kemm totali u kemm fost iż-żgħażagħ, kompliet tkun fost l-inqas fl-Ewropa bl-aħħar ċifri juru li r-rata ta' qgħad totali niżlet għal 3.3 fil-mija f'Awwissu ta' din is-sena filwaqt li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ niżlet għal 8.4 fil-mija fl-istess perjodu.

Iż-żieda sostanzjali fil-persuni li bdew jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol, speċjalment in-nisa u persuni b'eta' minn 55 sa 64 sena, wasslet sabiex ir-rata ta' parteċipazzjoni totali titla' għal 74.7 fil-mija għall-ewwel darba fl-2018 u b'hekk taqbeż il-medja Ewropea.

Barra minn hekk, din il-prestazzjoni pożittiva fis-suq tax-xogħol wasslet ukoll sabiex Malta tirreġistra t-tielet l-akbar żieda fir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti (0.4 punti perċentwali) matul it-tieni kwart ta' din is-sena.

Komplejna niksbu s-suċċessi anke fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, fejn il-kont estern tal-pajjiż irreġistra surplus ta' 8 fil-mija tal-PDG fl-ewwel nofs ta' din is-sena.

Sur President, dan kollu wassal biex noħolqu bażi soda ta' finanzi pubbliċi ta' pajjiżna, fejn id-dejn pubbliku issa rnexxielna nniżluh għal 45.8 fil-mija fl-aħħar tal-2018, filwaqt li din is-sena mistenni li jkun niżel għal 43.1 fil-mija.

U iva Sur President, din is-sena sejrin nerġgħu nirreġistraw Surplus fil-bilanċ fiskali.

Irridu ngħidu wkoll li s-sena 2020 ser tara l-prodott domestiku gross ta' pajjiżna jirdoppja f'termini nominali mill-2013 'l hawn, minn 7 biljuni għal 14 -il biljun, temp ta' 8 snin.

Mhux ta' b'xejn f'dik li hi stabbilita' makro-ekonomika, il-World Economic Forum tella lil pajjiżna mill-wieħed u sebgħin (71) post fl-2012 għall-ewwel post f'dawn l-aħħar sentejn.

Aktar dettalji jinsabu fit-Tabelli 1.1, 1.2 u 1.3.

## 1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi

Sur President, irridu niftakru li għas-sena d-dieħla l-Fond Monetarju Internazzjonali qed jirrevedi 'l isfel it-tkabbir ekonomiku globali għal 3.5 fil-mija. Dan għaliex qed jara tkabbir aktar kajman fl-investiment u l-konsum ta' prodotti durabbli f'pajjiżi avvanzati u emerġenti kif ukoll minħabba l-inċertezzi fil-kummerċ internazzjonali minħabba t-tariffi li qed jiġu introdotti, kif ukoll il-Brexit.

Minħabba dawn l-istess raġunijiet, l-ekonomiji tal-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewro mistennija jikbru b'1.6 fil-mija u 1.4 fil-mija, rispettivament.

Madankollu, f'pajjiżna qed nipprevedu li t-tkabbir ekonomiku jkun b'rata ta' tkabbir ta' 4.3 fil-mija f'termini reali u 6.5 fil-mija f'termini nominali.

Dan it-tkabbir mistenni jkun iġġenerat minn tkabbir fl-investiment ta' 9.7 fil-mija. It-tkabbir fil-konsum privat mistenni jkun ta' 4.0 fil-mija filwaqt li t-tkabbir fil-konsum pubbliku mistenni jkun ta' 4.9 fil-mija.

L-esportazzjoni mistennija tikber b'1.6 fil-mija, bis-settur finanzjarju, dak tal-igaming, kif ukoll it-turiżmu, mistennija jkomplu jkunu fost is-setturi ewlenin li jikkontribwixxu għal din iż-żieda. L-importazzjoni mistennija tikber b'2.0 fil-mija sabiex

tirrifletti ż-żieda sostanzjali fl-investiment li ġġib magħha żieda fl-importazzjoni ta' apparat u makkinarju.

B'dan it-tkabbir previst, ifisser li qed nistennew li jkollna żieda ta' 4.1 fil-mija fl-impjiegi filwaqt li l-livell tal-qgħad jibqa' baxx b'rata ta' 3.5 fil-mija. L-inflazzjoni mistennija li tkun ta' 1.6 fil-mija.

F'dawk li huma finanzi pubblici għall-2020, mhux biss qed inbassru surplus ieħor ta' 1.4 fil-mija, iżda ser naraw il-piż tad-dejn jkompli jinżel għal figura baxxa ta' 40.4 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Tabella 1.4 tagħti r-riżultati ta' analiżi tar-riskji marbuta ma' dan it-tbassir ekonomiku u finanzjarju.

## Tabella 1.1

### IL-QAGĦDA FISKALI 2018 - 2022

| | 2018 Attwali € '000 | | 2019 Rivedut € '000 | | 2020 Estimi € '000 | | 2021 Estimi € '000 | | 2022 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,167,780 | | 4,599,800 | | 4,954,393 | | 5,293,855 | | 5,619,120 | |
| Dħul Ieħor | 391,995 | | 479,235 | | 497,354 | | 462,185 | | 447,294 | |
| Dħul Totali | | 4,559,775 | | 5,079,035 | | 5,451,747 | | 5,756,040 | | 6,066,414 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,821,448 | | 4,192,333 | | 4,419,343 | | 4,664,328 | | 4,919,627 |
| Nefqa Kapitali | | 604,989 | | 645,385 | | 734,937 | | 745,664 | | 741,677 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | 133,338 | | 241,317 | | 297,467 | | 346,048 | | 405,110 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 203,555 | | 192,827 | | 183,472 | | 184,969 | | 170,008 |
| Bilanċ Rikurrenti | 534,772 | | 693,875 | | 848,932 | | 906,743 | | 976,779 | |
| **Bilanċ fil-Fond Konsolidat** | | **(70,217)** | | **48,490** | | **113,995** | | **161,079** | | **235,102** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(391,694)* | | *(437,227)* | | *(461,583)* | | *(462,502)* | | *(470,802)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(568)* | | *(2,300)* | | *(2,750)* | | *(2,750)* | | *(2,500)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(1,631)* | | - | | - | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(57)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Speċjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(63,513)* | | *(19,166)* | | *(10,100)* | | *(100)* | | *(100)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *0* | | *2* | | *666* | | *1,978* | | *2,534* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *91,000* | | - | | - | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(415,574)* | | *(512,352)* | | *(527,428)* | | *(517,035)* | | *(524,529)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(485,791)* | | *(463,862)* | | *(413,433)* | | *(355,956)* | | *(289,427)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(66,496)* | | *(308,760)* | | *(322,622)* | | *(286,055)* | | *(242,011)* | |
| *Self Lokali* | *243,527* | | *450,000* | | *450,000* | | *400,000* | | *300,000* | |
| | | *177,031* | | *141,240* | | *127,378* | | *113,945* | | *57,989* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(308,760)* | | *(322,622)* | | *(286,055)* | | *(242,011)* | | *(231,438)* |
| **Bilanċ fil-Fond Konsolidat** | | **(70,217)** | | **48,490** | | **113,995** | | **161,079** | | **235,102** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **305,817** | | **141,510** | | **79,005** | | **58,921** | | **2,898** |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż** | | **235,600** | | **190,000** | | **193,000** | | **220,000** | | **238,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **12,323,839** | | **13,245,566** | | **14,102,790** | | **14,947,687** | | **15,869,057** | |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **1.9%** | | **1.4%** | | **1.4%** | | **1.5%** | | **1.5%** | |

**Tabella 1.2**

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | *€ '000* 2022 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 4,709,421 | 4,620,088 | 4,600,269 | 4,520,417 | 4,434,172 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 192,582 | 289,996 | 287,246 | 284,496 | 187,259 |
| *Bills* tat-Teżor | 290,000 | 320,000 | 285,000 | 240,000 | 230,000 |
| Self minn Barra | 1,084 | 968 | 843 | 718 | 591 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 160,504 | 170,325 | 170,325 | 170,325 | 170,325 |
| Munita | 84,431 | 95,018 | 102,799 | 111,359 | 120,774 |
| *ESA Rerouted Debt* | 203,079 | 207,257 | 244,257 | 294,257 | 389,257 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,641,101** | **5,703,652** | **5,690,739** | **5,621,572** | **5,532,378** |
| Prodott Domestiku Gross | 12,323,839 | 13,245,566 | 14,102,790 | 14,947,687 | 15,869,057 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **45.77%** | **43.06%** | **40.35%** | **37.61%** | **34.86%** |

## Tabella 1.3

### IL-QAGĦDA FISKALI 2018 - 2019

| | 2018 | | 2019 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali<br>€ '000 | | Approvat<br>€ '000 | | Rivedut<br>€ '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,167,780 | | 4,571,845 | | 4,599,800 | |
| Dħul Ieħor | 391,995 | | 441,968 | | 479,235 | |
| Dħul Totali | | 4,559,775 | | 5,013,813 | | 5,079,035 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,821,448 | | 4,119,335 | | 4,192,333 |
| Nefqa Kapitali | | 604,989 | | 662,028 | | 645,385 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 133,338 | | 232,450 | | 241,317 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 203,555 | | 199,107 | | 192,827 |
| Bilanċ Rikurrenti | 534,772 | | 695,371 | | 693,875 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(70,217)** | | **33,343** | | **48,490** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(391,694)* | | *(437,227)* | | *(437,227)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(568)* | | *(1,500)* | | *(2,300)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(1,631)* | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(57)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(63,513)* | | *(10,565)* | | *(19,166)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *0* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *91,000* | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(415,574)* | | *(502,951)* | | *(512,352)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(485,791)* | | *(469,608)* | | *(463,862)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(66,496)* | | *(172,376)* | | *(308,760)* | |
| *Self Lokali* | *243,527* | | *450,000* | | *450,000* | |
| | | *177,031* | | *277,624* | | *141,240* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(308,760)* | | *(191,984)* | | *(322,622)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(70,217)** | | **33,343** | | **48,490** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **305,817** | | **131,657** | | **141,510** |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż** | | **235,600** | | **165,000** | | **190,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **12,323,839** | | **12,923,940** | | **13,245,566** | |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **1.9%** | | **1.3%** | | **1.4%** | |

**Tabella 1.4: Sensitivity Analysis of the Economic and Fiscal Forecasts**

The sensitivity analysis is in line with the requirements of Council Directive 2011/85/EU on the requirements for budgetary frameworks of the Member States and also in line with the requirements of Article 17(1) of the Fiscal Responsibility Act.

As per Article 16(2)g, the sensitivity analysis of the budgetary targets was carried out based on objective criteria, taking account possible changes in macroeconomic conditions, including growth and interest rates. The sensitivity analysis is guided by the performance of past forecasts and considers relevant risk scenarios.

The indicator points towards downside risks for both 2019 and 2020. The result is consistent with the analysis of alternative model forecasts. Looking at point estimates, under the worst possible cyclical scenarios contemplated, the budget balance would remain in surplus for the period under review.

Compared to the baseline scenario, alternative output gap projections range from 0.5p.p. to 1.5p.p. in 2019 and from -0.4p.p. to 0.3p.p. in 2020.

A full description of the exercise including the assumptions underpinning the forecasts and the eleven alternative model-based growth scenarios maybe found in the Draft Budgetary Plan to be submitted to the Commission and uploaded on the Ministry for Finance website.

## 2. ĠID LI JASAL GĦAND KULĦADD

Sur President, il-prosperità li tnisslet mit-tkabbir ekonomiku qawwi fil-pajjiż infirxet sew mal-għeruq tas-soċjetà Maltija. Dan sar b'għadd ġmielu ta' miżuri soċjali fil-baġits li ressaqt f'dawn l-aħħar snin biex inkunu ta' wens u sostenn għall-familji bi dħul baxx, għall-anzjani u l-pensjonanti u għal dawk li minħabba mard jew diżabilità ma jistgħux jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Flimkien ma' għexieren ta' inizjattivi oħra li ħadna, fosthom it-tnaqqis fit-taxxa, ir-roħs fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma, iż-żieda fil-paga minima nazzjonali u ż-żidiet fil-pensjonijiet u diversi benefiċċji oħra, dawn il-miżuri kellhom impatt sinifikanti fit-tnaqqis tal-faqar fostna. Illum hawn biss terz ta' dawk li kien hawn fl-2013 li huma mċaħħdin materjalment u severament waqt li naqqasna bi kważi sitt punti perċentwali r-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

B'għaqal qed nimxu fuq pjan li l-mira ewlenija tiegħu hija li l-ġid kemm jista' jkun jasal għand kulħadd. B'hekk ħadd ma jħossu mwarrab u mitluq. It-tħaddim ta' dan il-pjan se jissokta s-sena d-dieħla b'miżuri ġodda li se inħabbar dalwaqt, li se jkomplu jsaħħu u jtejbu l-qafas tal-benefiċċji soċjali.

### 2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja

Għas-sena d-dieħla ż-żieda għall-għoli tal-ħajja, se tkun ta' tliet ewro u disgħa u erbghin ċenteżmu (€3.49) fil-ġimgħa. Din iż-żieda se tingħata lill-impjegati kollha, kif ukoll lill-pensjonanti u lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. L-istipendi tal-istudenti se jkunu qed jogħlew pro-rata.

## 2.2 Bonus addizzjonali

Il-kalkolu għaż-żieda għall-għoli tal-ħajja huwa maħdum skont il-formula maqbula bejn l-imsieħba soċjali kollha fi ħdan l-MCESD. Din is-sena l-Gvern ħass li żidiet li kien hemm riċentament f'ċerti prodotti, setgħu ma rreflettewx l-impatt kollu fuq l-indiċi tal-prezzijiet u għalhekk, għal-sena waħda, dik tal-2020, se jagħti bonus addizzjonali lil kull familja. Dan il-bonus se jkun ta' ħmistax -il ewro (€15) għal familji b'persuna waħda u ta' ħamsa u tletin ewro (€35) għal familji b'iżjed minn persuna waħda.

Dan il-bonus addizzjonali se jiffinanzjah il-Gvern mingħajr ma jintefa' piż fuq l-intrapriżi privati.

## 2.3 Żieda ta' ġurnata oħra ta' leave

Sejrin inkomplu nimplimentaw il-wegħda elettorali li nagħtu lura lill-ħaddiema l-ġranet tal-festi pubbliċi li jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa u li ħadilhom ħaddieħor bla ma kkonsulta. Matul is-sena d-dieħla, għat-tielet sena konsekuttiva, sejrin inżidu ġurnata oħra mal-leave tal-ħaddiema.

## 2.4 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem

Għandi pjaċir ukoll inħabbar li t-tax refund li ngħata f'dawn l-aħħar sentejn, is-sena d-dieħla sejra terġa' tingħata. Din il-miżura, li se tiswa lill-Gvern €11.5 miljun u se jibbenefikaw minnha 'l fuq minn mitejn elf (200,000) persuna li qegħdin fis-suq tax-xogħol. (ara Tabella 2.2). B'hekk se nkomplu nwettqu l-wegħda li nnaqqsu t-taxxa fuq ix-xogħol.

L-ogħla refund jieħdu min jaqla' l-anqas u anki min jaqla' l-paga minima u ma jħallsux taxxa.

## 2.5 Tnaqqis tar-rata tat-Taxxa fuq dħul minn Overtime

Sur President, waħda mill-wegħdiet tal-Manifest Elettorali, hi li b'mod gradwali l-ħlas tal-overtime jiġi ntaxxat b'rata aġevolata.

Għas-sena 2020, l-ewwel mitt siegħa ta' overtime fis-sena għal dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix l-għoxrin elf ewro fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, se tibda tiġi intaxxata bil-15 fil-mija. Din il-miżura mistennija li tiswa madwar €5.3 miljun.

## 2.6 Aktar miżuri biex jonqos ix-xogħol ta' prekarjat u ta' abbużi fuq il-ħlas tal-Boll

Sur President, sa mill-ewwel jiem ta' din l-Amministrazzjoni fl-2013 saret ġlieda mingħajr preċedent kontra l-prekarjat. Minn gvern li jisponsorja l-prekarjat għax kien jagħlaq għajnejh għal abbuż fuq il-ħaddiema ta' xi kuntratturi, din l-amministrazzjoni għamlet bidliet li permezz tagħhom ġew imħarsa d-drittijiet tal-ħaddiema involuti u ma tħallewx jibqgħu jiġu sfruttati.

Dal-Gvern Laburista mhux biss ta paga diċenti li tirrifletti l-pagi tal-gvern fl-istess xogħol lill-ħaddiema tal-kuntratturi li jkollhom kuntratti mal-gvern, imma daħħal fis-seħħ, regolamenti li permezz tagħhom ta iktar serħan il-moħħ lil dawn il-ħaddiema, fosthom l-obbligu li tingħata l-payslip lill-ħaddiema u garanziji fuq leave. Wegħdna li se nkomplu niġġieldu l-prekarjat u wasal iż-żmien li anki fis-settur privat, naraw li ħaddiema tal-kuntratturi li jkollhom kuntratti ma' entitajiet partikulari fis-settur privat, ikunu jgawdu

l-paga bażika għall-istess xogħol f'dik l-entità partikulari.  Dan se jsir f'konsultazzjoni mal-Unions u l-Korpi Kostitwiti.

Hawnhekk irrid insemmi wkoll, li sejrin naraw li kull min iħaddem josserva l-liġi dwar il-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, magħrufa bħala l-Bolla. Mhux se jkun iktar ittollerat li min iħaddem, wara li jkun naqqas mill-paga tal-impjegati tiegħu, il-Bolla, dan il-ħlas ma jgħaddix lill-Gvern, bil-konsegwenza, li fil-futur, l-impjegat jispiċċa ma jkollux il-kontribuzzjonijiet suffiċjenti biex jikkwalifika għal pensjoni aktar għolja. Se jingħata ċans biex kull min iħaddem jirregolarizza ruħu jekk mhux qed josserva l-liġijiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-Gvern se jkun qed jieħu passi neċessarji biex dan iseħħ.

## 2.7 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju

Sur President, biex inħeġġu lin-negozju tal-familja jibqa' miexi 'l quddiem minn ġenerazzjoni għal oħra, il-mizura li dahhalna fejn ir-rata tal-Boll li hu dovut ghat-trasferiment tan-negozju jonqos ghal 1.5 fil-mija se tiġi estiża għal sena oħra.

## 2.8 Eżenzjoni mill-Ħlas ta' VAT fuq servizzi Edukattivi

Biex inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni, mis-sena d-dieħla, il-provvista ta' edukazzjoni jew riċerka edukattiva, taħriġ vokazzjonali jew taħriġ mill-ġdid, inkluż tagħlim li jsir f'ċertu distanza, minn skola jew istituzzjoni rikonoxxuta għal dan l-iskop, dan is-servizz se jkun eżentat minn ħlas ta' VAT.

## 2.9 Aktar miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar

Matul is-sena d-dieħla sejrin nagħmlu numru ta' tibdiliet fejn jidħol ħlas ta' taxxa.

Minn Jannar li ġej, se jkunu jistgħu jirreġistraw, jiddereġistraw jew jikkanċellaw ir-reġistrazzjoni tagħhom għal VAT/PE onlajn u tiġi validata fil-pront.

Għall-pensjonanti, se nkunu qed nagħtu ċans li ma jibqgħux iħallsu it-taxxa proviżorja kull tliet xhur, imma din titnaqqsilhom persentaġġ mill-pensjoni nazzjonali.

Kif diġà ħabbart, se tidħol fis-seħħ il-miżura fejn koppji jkunu jistgħu jissottomettu r-rendikont tat-taxxa u jiġu assessjati b'mod separat.

Se nkunu wkoll qed nirrevedu l-proċeduri ħalli jitnaqqas il-bżonn li timtela l-formola tat-taxxa, billi t-taxpayers jirċievu rendikont proviżorju li jiġi kkonfermat minnhom.

Miżura oħra li se tkun qed tiġi implimentati hi dik li r-rifużjoni tat-taxxa se tkun qed titħallas sa mhux aktar tard minn sitt xhur u mhux sa wara sena kif qiegħda llum.

## 2.10 Aktar Żidiet fil-pensjonijiet

Sur President, niġi issa għall-pensjonijiet. F'dawn l-aħħar seba' snin in-nefqa globali fuq pensjonijiet kontributorji u mhumiex kibret bi qrib il-mitejn u ħamsin (250) miljun ewro.

Bi pjaċir inħabbar li għal ħames sena wara l-oħra se nżidu lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali, ċioè pensjonanti tal-Irtirar, Romol, tal-Invalidità u dawk li jirċievu l-Pensjoni tal-Età. Din iż-żieda se tkun ta' tliet ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3.51) fil-ġimgħa u tkun barra dik maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja biex b'kollox il-pensjonijiet se jiżdiedu b'€7 fil-ġimgħa jew €364 fis-sena.

Minn din il-miżura, li se tiswa aktar minn €16-il miljun ewro liema spiża ma tinkludix iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, se jgawdu madwar 92 elf (92,000) pensjonant.

## 2.11 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet

Biex iż-żieda li qed tingħata fil-pensjonijiet inkluż iż-żieda tal-COLA u l-Bonus addizzjonali ma tkunx intaxxata għas-sena d-dieħla, se nerġgħu ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet, li mhux se jkun intaxxat, għal tlettax-il elf, seba' mija, u tmienja u disgħin ewro (€13,798). (ara Tabella 2.3).

Barra minn hekk dawk il-koppji b'pensjoni waħda ser jiżdied għal elfejn ewro (€2,000) id-dħul ieħor li jkun ezentat minn ħlas ta' taxxa, jiġifieri għal ħmistax-il elf, seba' mija, u tmienja u sebgħin ewro (€15,798).

## 2.12 Persuni li rtiraw mill-Forzi Dixxiplinati

Se ndaħħlu miżura li tolqot lil persuni li kienu fil-korp tal-Pulizija, fl-Armata, fil-Protezzjoni Ċivili jew fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u li wara li rtiraw mis-servizz sħiħ bdew jaħdmu xi mkien ieħor.

B'tibdil li se jsir meta jilħqu l-età tal-irtirar u ssir l-evalwazzjoni

tal-pensjoni kontributorja għall-Irtirar, jekk ikun jaqblilhom se jitqiesu wkoll is-snin meta kienu għadhom fis-servizz qabel irtiraw minnu biex ikun ikkalkulat id-dħul pensjonabbli tagħhom sabiex b'hekk, jekk jikkwalifikaw, huma jkunu jistgħu jgawdu minn rata ogħla ta' pensjoni kontributorja għall-Irtirar. Dan jista' jiġri kemm immedjatament meta jirtiraw jew inkella fil-futur, skont l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jkollhom.

## 2.13 Pensjoni miżjuda għal dawk fis-servizz jew settur pubbliku li baqgħu jaħdmu wara li laħqu l-età bejn l-2016 u l-2018

Impjegati kemm fis-settur privat u dak pubbliku issa għandhom id-dritt li jagħżlu li jibqgħu jaħdmu minflok jirtiraw bil-pensjoni u b'hekk tiżdidilhom ir-rata tal-pensjoni tagħhom skont kemm idumu fl-impjieg qabel jirtiraw.

Qed inressaq miżura ġdida li tolqot lil dawk l-impjegati fis-servizz jew settur pubbliku li minkejja li kellhom biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex jirtiraw fl-età ta' 61 sena jew laħqu l-età tal-irtirar bejn l-2016 u l-2018, għażlu li jkomplu fl-impjieg tagħhom mingħajr ma ħadu l-pensjoni għal mill-anqas sena.

B'din il-miżura dawn l-impjegati mhumiex ser jitilfu ż-żidiet perċentwali li akkumulaw f'dawn is-snin għaliex b'seħħ minn Jannar li ġej huma se jkollhom ir-rata tal-pensjoni tagħhom aġġustata biex tkun tirrifletti ż-żidiet akkumulati.

## 2.14 Pensjonanti tas-Servizz

Qed inżidu b'€200 oħra l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, biex b'hekk is-somma eżentata se tilħaq l-elfejn, sitt mija, sitta u sittin ewro (€2,666).

Barra minn hekk se jkompli t-tibdil li bdejna din is-sena li jolqot pensjonanti tas-servizz li jagħlqu t-72 sena.  Madwar erba' t'elef u erba' mija (4,400) gawdew minn dan it-tibdil.

## 2.15 Bonus għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni

Fil-baġit għall-2014, konna daħħalna għall-ewwel darba bonus li beda jitħallas kull sena lil numru ta' persuni li ma ħallsux biżżejjed bolol biex jikkwalifikaw għal pensjoni minima.

Mis-sena d-dieħla, dan il-bonus li jvarja minn €200 sa €300, se jibqa' jingħata anki meta l-persuna tagħlaq il-75 sena.

Sittax-il elf u ħames mitt (16,500) persuna se jgawdu minn l-għoti ta' dan il-Bonus.

## 2.16 Rata waħda ta' allowance għat-tfal tar-romol

Pensjonanti romol li għandhom tfal taħt l-età ta' 18-il sena huma intitolati għal allowance fil-ġimgħa ta' €4.54 jekk ir-romol ikunu jaħdmu u ta' €9.32 fil-ġimgħa jekk ma jkunux f'impjieg ser ikollhom l-allowance riveduta ghall-€10 fil-gimgha sew meta armla jew armel isibu impjieg jew jieqfu mix-xogħol.

B'hekk mhux ser nibqgħu nippenalizzaw aktar lir-romol li jaħdmu.

## 2.17 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi

Għas-sena d-dieħla wkoll se nalloka madwar €13–il miljun fil-fond li minnu se jkomplu jiġu indirizzati inġustizzji u anomaliji tal-imgħoddi fejn jirrigwardaw il-pensjonijiet.

Dan il-proċess ra l-bidu tiegħu fl-2017 bit-tnedija ta' skemi mfassla kif imwiegħed biex jitħallsu eks ħaddiema tax-xatt; eks membri tal-korpi tas-snin sebgħin li wara daħlu jaħdmu mal-gvern u uffiċjali tal-pulizija biex jagħmlu tajjeb għall-anomaliji u inġustizzji li sofrew fl-imgħoddi. Dawn il-kategoriji ta' ħaddiema u l-eredi tagħhom matul is-sena mill-ġdid ser jintalbu japplikaw għall-għotjiet dovuti lilhom.

Separatament, għat-tieni sena konsekuttiva se ssir sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand dawk il-membri tal-korpi li daħlu jaħdmu fis-settur pubbliku meta spiċċaw l-ingaġġ tagħhom fil-korp u għal kategoriji oħra.

B'kollox madwar tmien t'elef (8,000) persuna u l-eredi tagħhom huma intitolati għall-ħlas ta' għotjiet taħt dawn l-iskemi.

## 2.18 Inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati

L-inċentivi fiskali li daħħalna ħames snin ilu, liema inċentivi ngħataw kemm lil individwi li jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala Third Pillar Pension Scheme, kif ukoll lil min iħaddem li jiddeċiedi li joffri skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat – qed nirreferi għall-iskema Voluntary

Occupational Pension Scheme, se jerġgħu jingħataw lil individwi u kumpaniji li se jinvestu f'dawn l-iskemi.

### 2.19 Aktar titjib fil-Ħlas tal-Għajnuna Supplimentari

Mill-ġdid ser nissoktaw bit-titjib mibdi fl-2017 fl-Għajnuna Supplimentari li titħallas lil persuni, l-aktar anzjani, li għandhom dħul baxx.

Bit-tibdil li se jseħħ l-allowance addizzjonali li titħallas kull sena mal-Għajnuna Supplimentari lil persuni ta' 65 sena u akbar li jkunu f'riskju ta' faqar se tiżdied b'€50 għal €150 fis-sena.

Minn din iż-żieda se jgawdu madwar sittax-il elf (16,000) anzjan u anzjana.

### 2.20 Titjib fl-Għotja għall-anzjani li jibqgħu jgħixu f'darhom

Madwar tletin elf (30,000) anzjan u anzjana ta' 75 sena jew aktar u li jgħixu fi djarhom jew mal-qraba, mill-ġdid se jingħataw l-għotja ta' 300 ewro.

Iżda għal dawk fosthom li laħqu l-età ta' 80 sena u aktar mis-sena d-dieħla l-għotja se tiżdidilhom b'€50 oħra għal €350. Minn din iż-żieda ser igawdu madwar tmintax-il elf (18,000) anzjan u anzjana li jgħixu fil-komunità.

### 2.21 Għotja lill-anzjani li qegħdin f'dar residenzjali privata

Sur President, mis-sena d-dieħla, għall-ewwel darba din l-għotja ta' €300 ser tingħata wkoll lil persuni anzjani li minn buthom qed iħallsu biex jgħixu fi djar residenzjali għall-anzjani. Dawk li għalqu t-80 sena u aktar ukoll se jibbenefikaw miż-żieda ta' €50 li għadni kif ħabbart.

Madwar 900 anzjan u anzjana se jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.

### 2.22 Government Savings Bonds għall-pensjonanti

Wara s-suċċess ta' dawn l-aħħar tliet snin għal ħruġ ta' Savings Bonds 62+ indirizzati għal dawk li għalqu t-tnejn u sittin sena, fejn 'il fuq minn erbgħa u għxrin elf, u sitt mitt (24,600) pensjonant investew ftit anqas minn €3 miljun fil-ħruġ ta' dawn il-Bonds, se nkunu qegħdin nerġgħu noħorġu Bond simili matul is-sena d-dieħla; dan fl-isfond li r-rati ta' mgħax fuq kontijiet bankarji fissi baqgħu baxxi. Hu mistenni li 'l fuq minn sitt elef u tlett mitt (6,300) anzjan ġdid se jkunu eliġibbli għal dan il-ħruġ.

### 2.23 Tal-Linja Card b'xejn ghall-Anzjani 75+

Sur President, mis-sena d-dieħla, it-Trasport Pubbliku b'xejn se jingħata wkoll lill-anzjani li jagħlqu il-75 sena. Il-fuq minn dsatax-il elf (19,000) anzjan ser igawdu minn din il-miżura.

### 2.24 Miżuri għall-familji bit-tfal

Sur President, huwa ta' pjaċir kbir għalija li nħabbar li permezz tad-diversi miżuri li daħħalna fl-aħħar snin , il-wegħda li għamilna

li ebda tifel jew tifla taħt is-16-il sena li jkunu jgħixu f'familji fejn mill-anqas wieħed mill-ġenituri jaħdem full-time, ma jkunux jgħixu fil-faqar, illum ilħaqnieha.

Din il-mira ambizzjuża li għamilna tliet snin ilu, irbatnieha mal-livelli li l-Caritas kienet stabbilixxiet fl-2016 bħala l-ammonti minimi ta' dħul li familji differenti għandhom bżonn biex jgħixu. Dawn l-ammonti qed jiġu aġġustati kull sena bir-rata tal-inflazzjoni.

Iżda aħna mhux se nieqfu hawn.  Se nibqgħu nsostnu lill-familji Maltin u Għawdxin biex dak li tajniehom issa nsostnuh u nkomplu nsaħħuh.

## 2.25 Introduzzjoni ta' Bonus għal Twelid ta' Tarbija jew Adozzjoni

Sur President, Gvernijiet Laburisti minn dejjem fittxew jgħinu l-familji biex irabbu 'l uliedhom billi varaw u komplew itejbu għadd kbir ta' miżuri bħalma huma l-benefiċċji għall-maternità u l-adozzjoni, iċ-children's allowance, l-introduzzjoni tal-għotja għall-addozzjoni u ċ-Child Care b'xejn.

Biex inkomplu ma' din is-sensiela ta' benefiċċji se nwettqu miżura oħra innovattiva, dik li mill-ewwel ta' Jannar ta-sena d-dieħla ser nintroduċu benefiċċju ġdid, ta' bonus ta' darba ta' €300 għal kull twelid jew addozzjoni biex tgħinhom fiż-żieda fl-ispejjeż tal-familja.

Minn dan il-bonus ġdid se jibdew jibbenefikaw madwar erba' t'elef (4,000) familja kull sena.

## 2.26 L-aħħar fażi tar-riforma tal-pensjoni tad-diżabilità

Matul l-2020 ser nwettqu l-aħħar fażi tar-riforma sinifikanti fl-Assistenza għal Diżabilità, mibdija tliet snin ilu li kienet tinkludi l-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa għall-persuni li assolutament ma jistgħux jaħdmu.

Għaldaqstant, kif imwiegħed  fil-programm elettorali tal-Gvern minn Jannar li ġej il-pagament fil-ġimgħa ta' din l-għajnuna se jiżdied mill-ġdid u minn €150 il-ħlas fil-ġimgħa se jitla' għal mija, wieħed u sittin ewro, u erbgħin ċenteżmu (€161.40), biex b'hekk din l-assistenza se tkun ekwivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali netta.

Minn din il-miżura se jibbenefikaw madwar 650 persuna.

## 2.27 Titjib fil-Pensjoni tal-Invalidità

Wegħda oħra li konna semmejna fir-riforma fil-Pensjoni tal-Invalidità kienet dik li persuni li huma severament invalidi jingħataw żidiet fil-pensjoni simili għal dawk mogħtija lil persuni b'dizabilità.  Dan se nwettquh billi se ngħollu r-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità ta' xi ħadd li jkollu l-medja massima ta' kontribuzzjonijiet għall-istess livell tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa u b'hekk fl-2020 se tilħaq il-Paga Minima Nazzjonali netta.

Ir-rata l-ġdida tkun tapplika l-istess għal persuni miżżewġa jew waħedhom iżda biex wieħed jikkwalifika għal din ir-rata miżjuda jrid ikun ġie ċċertifikat mit-tobba fl-ogħla livell ta' indeboliment

skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. F'każ ta' xi ħadd li ma jkollux il-medja massima ta' kontribuzzjonijiet, huwa jitħallas pro-rata.

### 2.28 Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità

Sur President, sentejn ilu konna daħħalna skema biex nassistu lill-persuni b'diżabilità li jkollhom il-bżonn li jixtru apparat speċjali sabiex ikomplu fil-ħajja tagħhom. Skont il-livel ta' diżabilità, qed tingħata għotja biex tkopri parti sostanzjali tal-VAT li jkun tħallas.

Mis-sena d-dieħla, din l-għotja sejrin inżiduha b'€400 u l-massimu tal-għotja se titla' għal elf ewro (€1,000).

### 2.29 Assistenza għal Diżabilità għal persuni neqsin mis-smigħ jew li ma jitkellmux

Bħala parti mir-riforma fl-Assistenza għal Diżabilità ser nwessgħu l-kriterji mediċi sabiex persuni neqsin mis-smigħ jew li ma jitkellmux isiru eliġibbli għall-Assistenza għal Diżabilità meta jagħlqu s-sittax-il sena.

### 2.30 Titjib fil-Liġi biex ngħinu aktar lil persuni vulnerabbli

Qed inniedu miżuri oħra biex intejbu il-provvedimenti tal-liġi tas-Sigurtà Soċjali sabiex ikunu jirriflettu aħjar iċ-ċirkostanzi tal-ħajja tal-lum u ngħinu aktar lil dawk vulnerabbli fosthom persuni li jibbenefikaw minn Assistenza għal Mard mhux Kontributorju; għal tal-Assistenza għal Mard mingħajr interruzzjoni, irrispettivament mir-rata tal-pensjoni tal-armla jew armel; għal Assistenza għal Diżabilità u għall-Għajnuna għal Mard.

Aktar dettalji qed jingħataw fit-Tabella 2.1

**Tabella 2.1: Aktar Għajnuna lil Persuni Vulnerabbli**

**1. Assistenza ghal Mard mhux Kontributorja**

Minn Jannar li ġej, dejjem jekk il-kriterji tat-test tal-mezzi kapitali jintlaħqu, il-kalkolu tad-dhul fil-gimgha ta' persuni waħedhom jew mizzewġa ser ikun ibbażat fuq mekkaniżmu ġdid fejn it-threshold jkun magħmul mir-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali u somma miżjuda ta' €22 għall-persuni singoli u ta' €30 fil-każ ta' miżżewġin. B'dan il-mod se nneħħu anomalija li teżisti illum li persuna bi dħul ogħla mill-oħra tista' tikkwalifika u l-oħra li għandha dħul anqas ma tikkwalifikax, skont mill-liema sors ikun ġej tali dħul.

**2. Assistenza għal Mard mingħajr interruzzjoni**

Ser titneħħu l-ħtiega li armel jew armla. li jkunu diġa benefiċċjarji, ma jkollhomx għalfejn jergħħu japplikaw f'kaz ta' mewt tal-konjugi. B'mod awtomatiku d-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali jibqa għaddej bil-ħlas tal-Assitenza għal Mard mingħajr interruzzjoni, irrispettivament mir-rata tal-pensjoni tal-armla jew armel.

**3. Assistenza għal Diżabilita'**

B'effett minn Jannar il-pagament ta' xi waħda mill-Assistenzi għal Diżabilità li wieħed jew waħda mill-konjuġi jkunu ntitolati għalihom, jiġi njorat għal finijiet tat-test tal-mezzi fil-ġimgħa fil-każ li l-kap tal-familja u l-familja tiegħu jew tagħha jkunu eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali jew Pensjoni tal-Età.

**4. Għajnuna għal Mard**

Fil-ħlas għall-Għajnuna għal Mard ser naraw li f'każ ta' koppji li wieħed jew waħda minhom tkun qed tirċievi xi wieħed mill-benefiċċji għal diżabilita' u ma tkunx taħdem, dan id-dħul jiġi njorat għal finijiet ta' eliġibilitá għall-Għajnuna għal Mard.

**5. Helpline għal persuni b'diżabilita'**

Ser noħolqu Helpline għal persuni b'diżabilita' u l-familjari tagħhom biex iservi bħala mezz ta' kuntatt u għajnuna kif ukoll biex jilqa' lmenti u rapporti ta' abbuż.

**6. Taħriġ professjonali għall-ħaddiema fis-settur tad diżabilita'**

Ser inniedu ukoll proġett biex jiġu ngaġġati professjonisti biex iħarrgu u jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħaddiema fi ħdan l-Aġenżija Sapport, speċjalment dawk li jaħdmu direttament ma' persuni b'diżabilita' fil-ommunita'. Bis-saħħa ta' dan it-taħriġ il-ħaddiema jkunu imħejjija aktar fil-ħidma tagħhom meta jiltaqgħu ma' mġieba diffiċli jew severa u b'hekk inaqqsu r-riskji ta' korriment u nċidenti.

## 2.31 Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet akkreditati għal ġenituri bi tfal b'mard rari

B'miżura oħra soċjali li se nwettqu ħsibna f'dawk il-ġenituri, li minħabba mard rari li jolqot lill-uliedhom u li jkun jeħtieġ il-kura u l-ħarsien kontinwu tagħhom, iwassalhom biex jieqfu mix-xogħol tagħhom u b'hekk jispiċċaw b'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mnaqqsa.

Kif wegħdna dawn il-ġenituri se jingħatawlhom kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali sabiex il-perjodu ta' waqfien mix-xogħol ma jaffettwax ħażin ir-rekord tal-kontribuzzjonijiet tagħhom, u b'hekk meta jilħqu l-età tal-pensjoni jkunu eliġibbli għal pensjoni aħjar.

Il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet akkreditati se jkun sa massimu ta' tmien snin, li huwa l-istess ammont li japplika għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità.

Aktar dettalji u kundizzjonijiet jitħabru fil-ġimgħat li ġejjin sabiex ma jkunx hemm abbużi minn dan il-benefiċċju.

## 2.32 Għajnuna għal persuni li jbatu mill-Fibromyalgia u ME

F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern nieda diversi riformi fil-qasam soċjali u indirizza setturi li kienu għadhom mhux jintlaħqu.  Issa wasal iż-żmien sabiex persuni li jbatu mill-Fibromyalgia u ME jibdew jibbenefikaw huma wkoll minn għajnuna.

Mill-1 ta' Jannar 2020, dawn iż-żewg kundizzjonijiet, se jkunu jiffurmaw parti mil-lista ta' kundizzjonijiet tal-Għajnuna għal

Mard mhux kontributorja. B'hekk dawk li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma jistgħux jaħdmu, jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi u l-kriterji mediċi ta' eliġibilità jkunu jistgħu jibdew jirċievu l-għajnuna medika.

Sabiex nassiguraw li ma jkunx hemm abbuż, l-evalwazzjoni medika ser tibda ssir minn bord multi dixxiplinarju li se jkun qed jikkonsulta kontinwament mal-professjonisti mediċi tad-dipartiment tas-saħħa. Fl-istess waqt tibqa' ssir rievalwazzjoni medika kultant żmien.

Aktar dettalji se jkunu qed jinħarġu fil-ġimgħat li ġejjin.

### 2.33 Ħlas tal-Benefiċċju għall-Mard

Tibdil ieħor li se nwettqu huwa fil-ħlas tal-Benefiċċju Kontributorju għall-Mard biex ngħinu persuni li jkunu taħt kura medika f'intervalli regolari bħal fil-każ tat-trattament tal-kanċer.

Dawn il-persuni se jkunu eliġibbli għall-ħlas tal-benefiċċju mill-ewwel ġurnata, mit-tieni talba 'l quddiem, u mhux mir-raba' ġurnata kif iseħħ f'każijiet oħra ta' mard. Dan ikun normalment japplika għall-perjodu ta' sena minn meta jkun beda t-trattament. Iżda tali perjodu jista' jkun estiż fuq parir mediku.

B'dan it-tibdil dawn il-persuni li llum ma jkollhomx dħul sħiħ mill-paga minħabba li jkunu ħadu l-leave kollu għal waqt il-mard, ma jibqgħux jitilfu aktar mill-Benefiċċju tal-Mard għax mit-tieni talba għall-benefiċċju 'l quddiem ser jibdew ikunu ititolati għall-ħlas tal-benefiċċju għall-ewwel tlett ijiem ukoll. Biex isir dan

il-ħlas, applikant irid ikun taħt kura jew trattament fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.

### Tabella 2.2: Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem

| **Komputazzjoni: Singola** | |
|---|---|
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €60 |
| €15,001 - €30,000 | €50 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |
| | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €20,000 | €68 |
| €20,001 - €40,000 | €56 |
| €40,001 - €59,999 | €44 |
| | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €64 |
| €15,001 - €30,000 | €52 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |

### Tabella 2.3: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat

| | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Komputazzjoni: Singola | €13,434 | €13,798 |
| Komputazzjoni: Ġenitur | €13,434 | €13,798 |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €13,434 | €13,798 |
| | | |
| **Dħul ieħor mhux intaxxat** | | |
| | **2019** | **2020** |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €1,000 | €2,000 |

## 3. Il-HOUSING

Sur President, Il-pjan tal-Gvern għall-qasam tal-Housing qiegħed jindirizza persuni li qegħdin f'faxex differenti tas-soċjetà: minn dawk li minħabba ċirkostanzi differenti jeħtieġu housing soċjali, għal dawk li jeħtieġu modifiċi fir-residenza fejn jgħixu, minħabba xi diżabilita'; għal min qiegħed jikri mis-suq tal-kera; dawk, li bi ftit għajnuna, jistgħu jimxu 'l quddiem u jsiru sidien ta' darhom; flimkien ma' dawk li ma kinux jeħtieġu għajnuna iżda nqabdu f'ċirkostanza li kienu jeħtieġu strument, bħall-equity sharing, biex ikunu jistgħu jsiru sidien ta' darhom.

Il-Gvern hu determinat li jindirizza l-isfidi li hemm fil-qasam tal-kirjiet. Wara proċess ta' konsultazzjoni wiegħsa, ma' diversi stakeholders, ġie mfassal Abbozz ta' Liġi dwar il-Kirjiet Privati Residenzjali. F'dan l-Abbozz, qed jinstab bilanċ bejn l-obbligi u d-drittijiet tas-sidien u l-familji fil-kera bil-għan li s-suq tal-kera f'Malta jibda joffri alternattiva ta' akkomodazzjoni fit-tul. Ir-riforma tal-kera, hi ntiża biex fis-suq tal-kera, ikun hemm aktar trasparenza fil-kuntratti, aktar ċertezza, kif ukoll aktar flessibbilita' kemm għas-sid kif ukoll għall-inkwilin.

### 3.1 Estensjoni ta' skemi eżistenti

Sur President, bi pjaċir inħabbar li l-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn l-aħħar snin se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Hawn qed nirreferi għall-iskemi fit-tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-first time buyers; għas-second time buyers; xiri ta' propjeta' vakanti fl-Urban Conservation Areas; xiri ta' propjeta' f'Għawdex, u kif ukoll l-iskemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr.

Bi pjaċir, irrid inħabbar ukoll, li minn għada, kull kuntratt li jsir fuq xiri ta’ propjeta' taħt l-iskema tal-first time buyers, se jkunu eżentati mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel mija, u ħamsa u sebgħin t'elef ewro (€175,000) minflok fuq l-ewwel mija, u ħamsin t'elef (€150,000). B’dan issa l-first time buyers se jibdew jiffrankaw sitt t'elef u ħames mitt ewro (€6,500).

Qed inħabbar ukoll tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal kull min jixtri d-dar fejn joqgħod anke jekk mhux first time buyer, u għal dawk li diġa' jgħixu ġo dar li mhix tagħhom u din id-dar titħalla lilhom b’wirt, l-ammont li fuqu titħallas rata mnaqqsa ta’ 3.5 fil-mija, se jitla’ għal mija, u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000).

### 3.2 Għajnuna liż-żgħażagħ biex ikunu sidien ta’ darhom

Sur President, wara li din is-sena daħħalna l-Equity Sharing Scheme għal dawk li jagħlqu l-erbgħin sena u minħabba ċirkostanzi tal-ħajja jkollhom bżonn jixtru dar, għas-sena d-dieħla sejrin nintroduċu skema oħra immirata għal dawk taħt l-40 sena li għalkemm ikunu eliġibbli għal home loan minn bank kummerċjali, ma jkollhomx il-likwidita' li jħallsu f’daqqa l-għaxra fil-mija depożitu.

B’din l-iskema, il-Gvern, bi ftehim ma’ bank jew banek, se jkun qed isellef l-ammont tad-depożitu li jitħallas lura bin-nifs fuq medda ta' 15-il sena filwaqt li l-imgħaxx fuq dan is-self jitħallas mill-gvern.

Il-pagament massimu li l-gvern se jkun qed joħroġ, hu ta’ sbatax-il elf, u ħames mitt ewro (€17,500).

Aktar dettalji se jkunu qed jingħataw meta tidħol fis-seħħ din l-iskema.

### 3.3 Benefiċċju tal-kera – djar soċjali u djar affordabbli

Din is-sena, fejn għall-ewwel darba, daħħalna sussidju mhux biss għal kirjiet fuq akkomodazzjonijiet soċjali, iżda daħħalna sussidju mmirat għall-akkomodazzjoni affordabbli. Din l-iskema kienet suċċess u fl-ewwel sena tagħha, kien hemm elf familja li bbenefikat minn din l-iskema.

Għas-sena d-dieħla, sejrin inkomplu nestendu din il-miżura billi ngħollu d-dħul annwali li individwu jaqla' u jkun xorta eliġibbli biex jibbenefika minn din l-iskema.

Minn Jannar li ġej id-dħul annwali ta' persuna li tgħix waħedha biex tkun eliġibbli għal dan il-benefiċċju, se jitla' minn erbatax-il elf, u ħames mitt ewro (€14,500) għal dsatax-il elf ewro (€19,000). F'każ ta' koppja b'żewġt itfal, id-dħul annwali għall-eliġibbilita' se jitla' minn tmienja u għxrin elf, u sitt mitt ewro (€28,600) għal tnejn u tletin elf ewro (€32,000). B'hekk ser naraw iktar persuni u familji bi dħul medju jsiru elegibbli għas-sussidju jekk il-kera taqbeż il-25 fil-mija tad-dħul gross tagħhom.

Aktar dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.

### 3.4 Units ġodda ta' Housing Soċjali

Tul din is-sena, ħabbarna li se jirdoppja n-numru ta' djar ġodda għal housing soċjali, biex mill-fondi allokati mill-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali. Għalhekk, permezz ta' eżerċizzju ta' better optimisation u żieda fl-investiment, li se jlaħħaq għal €60 miljun ewro, il-Gvern se jibni 1,700 unit ġdid, minbarra l-proġett l-ieħor ta' bini ta' 'l fuq minn 700 unit ġdid ta' housing soċjali.

Ix-xogħol fuq dawn il-proġetti miexi bir-ritmu li kien stipulat.

### 3.5 Riġenerazzjoni ta' propjetà dilapitata

Il-proġett ta' rranġar ta' numru ta' proprjetajiet tal-Gvern li huma fi stat dilapitat, liema proprjetajiet qed jiġu rranġati biex jintużaw bħala djar soċjali, se jitkompla.

### 3.6 Proġetti speċjali

Għas-sena d-dieħla, l-Awtorità tad-Djar se tkun qed tkompli b'dawn il-proġetti speċjali fejn isiru x-xogħlijiet neċessarji fuq appartamenti b'żewġt jew tlitt ikmamar skont il-bżonnijiet ta' anzjani, sabiex żewġ jew tliet anzjani jgħixu fl-istess fond flimkien u jkunu wens ta' xulxin.

Proġett pilota ieħor li se jsir hu dak ta' intergenerational living, fejn familji b'membri ta' etajiet differenti jgħixu flimkien bil-għan li noħolqu komunità li tifhem aktar il-bżonnijiet ta' xulxin.

### 3.7 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar

L-Awtorità tad-Djar se tkompli fuq il-programm ta' manutenzjoni ta' blokki fuq ħamsin blokk ieħor ta' akkomodazzjoni soċjali li jiffurmaw parti mill-Oqsma tad-Djar f'lokalitajiet differenti.

### 3.8 Il-Qasam tal-Propjetà

Sur President, fil-qasam tal-bini, il-Gvern nieda riforma biex insaħħu r-regolamenti tal-bini li digà kienu hemm u anke niddistingwu bl-aħjar mod l-irwol ta' kull min jagħti sehmu fil-qasam tal-kostruzzjoni. Qegħdin naħdmu sabiex titwaqqaf Awtorità ġdida għall-Bini u l-Kostruzzjoni bil-għan li tirregola dan il-qasam u tara li jkun introdott Kodiċi tal-Bini fil-liġijiet tagħna li jiġbor taħt liġi waħda bosta liġijiet li dejjem ħaddimna sa issa favur aktar sigurtà, responsabbilità u trasparenza.

Permezz tal-Fond għall-Iżvilupp u l-Ippjanar, se nkomplu ninċentivaw Kunsilli Lokali u għaqdiet sabiex jidħlu għal diversi proġetti fil-bliet u l-irħula tagħna fi proġetti sostenibbli li jwasslu biex itejbu l-ħajja tar-residenti.

L-iskema Irrestawra Darek, li hija maħsuba biex jiġu ppreservati binjiet fiż-żoni ta' konservazzjoni urbana, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra.

### 3.9 Taxxa tal-Boll fuq Ċessjonijiet

Kwalunkwe qligħ jew profitti li jsir mill-assenjazzjoni ta' kwalunkwe dritt miksub f'termini ta' wegħda ta' bejgħ (konvenju), inkluża wegħda li tbiegħed b'xi mod propjetà immobbli jew wegħda fir-rigward ta' enfitewsi, huma llum intaxxati bir-rata ta' 35 fil-mija.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2020, l-ewwel mitt elf ewro (€100,000) tat-tali qligħ jew profitti, se jiġu ntaxxati bir-rata ta' taxxa finali ta' 15 fil-mija. Din it-taxxa għandha tinġabar min-nutar bl-istess mod bħat-taxxa miġbura fuq it-trasferimenti tal-propjetà. L-għan ta' din il-miżura huwa li jkompli jintroduċi t-taxxi finali miġbura fil-punt tal-kuntratt fuq il-qligħ jew il-profitti derivati mit-trasferimenti tal-propjetà kemm jekk direttament kif ukoll permezz ta' ftehim ta' wegħda ta' bejgħ.

Kull profitt iktar mill-valur imsemmi hawn fuq, jibqa' jiġi ntaxxat bir-rata ta' 35 fil-mija.

### 3.10 Reġistru tal-Artijiet

Issa li ġiet imwaqqfa l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, qiegħda tinbena sistema onlajn ġdida li għandha tiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' propjetà. Matul is-sena d-dieħla, se jkun hemm investiment f'tagħmir ġdid li għandu jiffaċilita l-proċess għat-trasferiment ta' proprjetà fil-futur qarib. Dan l-investiment se jwassal biex fuq medda ta' snin l-artijiet fil-Gżejjer tagħna jkunu kollha reġistrati.

# 4. LEJN ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Sur President, l-użu tar-riżorsi huwa sfida kontinwa għal kull pajjiż, iżda għal gżira żgħira, l-isfida hija ferm akbar. L-isfidi ambjentali li jinħolqu minn żvilupp ekonomiku mgħaġġel iridu jiġu ndirizzati. Illum pajjiżna jinsab f'sitwazzjoni ekonomikament b'saħħitha fejn irridu naċċertaw ruħna li jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni ambjentali, il-koeżjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Dan il-gvern għandu bħala prijorita' l-għan li jindirizza u jilħaq il-miri kollha tal-Iżvilupp Sostenibbli hekk kif elenkati mill-Ġnus Magħquda. Imma biex dan isir, hemm bżonn l-appoġġ u l-impenn tas-setturi kollha tas-soċjeta'. L-Iżvilupp sostenibbli huwa r-responsabbiltà ta' kullħadd: tal-Gvern, tas-settur privat, tas-soċjetà ċivili, u ċ-ċittadini kollha. Biex nilħqu dawn il-miri, aħna lkoll irridu nbiddlu l-attitudnijiet tagħna u nindirizzaw l-isfidi ewlenin ta' soċjetajiet moderni inkluż ukoll il-mod ta' kif imdorrijin nikkunsmaw u nipproduċu l-prodotti – li hija waħda mill-miri identifikati.

Il-Gvern sejjer jara li jidħlu l-miżuri, anki jekk kuraġġjużi, li jgħinuna nikkunsmaw b'mod aktar sostenibbli fl-ambitu ta' ekonomija ċirkolari.

## 4.1 Tibdil fil-Klima

Qegħdin ngħixu fi żmien fejn it-tibdil fil-klima qed jiġi msemmi b'mod konsistenti. Għandna quddiemna l-miri tal-2020 u l-miri tal-2030. L-Unjoni Ewropea qiegħda tiddiskuti kif tista' ssaħħaħ

il-miri tagħha għal 2030 biex bħala kontinent inkunu carbon neutral sas-sena 2050. Dan ifisser li bħala pajjiż se nkomplu naħdmu biex nilħqu l-miri klimatiċi tagħna permezz tas-sistema tal-Emission Trading Scheme tal-Unjoni Ewropeċa u taħt is-sistema tal-Effort Sharing.

Il-gvern huwa konxju wkoll li dawn il-miri se jkomplu jiżdiedu b'direttivi oħra li mistennija jitressqu fiż-żmien li ġej. Għalhekk li rridu nkunu ppreparati.

Għadna fiż-żmien li nieħdu dawk il-miżuri neċessarji li jindirizzaw it-tibdil fil-klima li minnhom pajjiżna jista' jgawdi ekonomikament, miżuri li jistgħu jgħinuna nsaħħu l-kompetittivita tagħna.

Dan il-gvern huwa kommess li l-bidla li hemm bżonn li ssir, titwettaq mingħajr piżijiet addizzjonali fuq il-familji.

Hekk ġara meta għamilna l-bidla fil-produzzjoni tal-energija, fejn qlibna minn Power Station li topera bil-Heavy Fuel Oil għall-LNG, fuel li jniġġeż ferm anqas u fejn il-familji bdew igawdu minn roħs fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma. U hekk se nkomplu nagħmlu f'diversi oqsma ambjentali oħra.

Sur President, sas-sena d-dieħla, se nkunu qed nippreżentaw strateġija nazzjonali immirata li tpoġġi lil pajjiżna fit-triq lejn carbon neutrality sas-sena 2050.

Bħala parti mill-mixja lejn dan il-pjan. Illum se nkun qed inħabbar numru ta' miżuri li għandhom ikollhom impatt pożittiv f'din id-

direzzjoni. B'hekk pajjiżna jkompli jnaqqas id-dipendenza minn fuq il-karbonju.

### 4.2 Immaniġġjar tal-Iskart

Sur President, sejrin inkomplu ninvestu fil-qasam tal-immanniġġjar tal-iskart, billi ser nissuktaw bit-tħejjijiet sabiex pajjiżna jkollu impjant ta' Waste to Energy, impjant li jiflaħ għall-ammont ta' skart li nipproduċu f'pajjiżna, u hekk jingħalaq darba għal dejjem l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin wara s-suċċess tal-programm tas-separazzjoni tal-iskart organiku.

Fl-istess ħin, qed jiġu identifikati tipi oħra ta' skart, biex ikunu parti minn skemi simili intiżi sabiex l-iskart tabilħaqq jinbidel f'riżorsa utli li tintuża aktar minn darba.

Min-naħa regolatorja f'dan il-baġit qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji biex l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA, tkompli u żżid il-programmi u studji ambjentali fosthom dwar it-trabijiet fini fl-arja, u dwar reviżjoni tal-istrateġija dwar il-biodiversità fost programmi oħra.

### 4.3 Vetturi li ma jniġġsux

Tul l-aħħar snin kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta' persuni li rreġistraw karozza elettrika f'pajjiżna. Il-Gvern huwa determinat li jagħmel minn pajjiżna wieħed minn tal-ewwel pajjiżi fl-Ewropa li jagħmel il-qalba għal karozzi elettriċi. Dan hu mod wieħed kif inwasslu għal ekonomija anqas dipendenti fuq il-karbonju.

Is-sena d-dieħla l-Kummissjoni li waqqaf il-Gvern għandha tirrakkomanda d-data finali sa meta l-vetturi li jiġu impurtati f'Malta wara dakinhar ma jkunux iniġġsu. Dan ma jfissirx li min ikollu karozza taħdem bil-petrol jew diesel ikollu jneħħiha.

### 4.4 Tariffi tad-dawl orħos biex tiċċarġja l-vetturi elettriċi

Sur President, biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku mis-sena d-dieħla barra li se nżidu n-numru ta' charging points madwar Malta u Għawdex, se nibdew nagħtu tariffi orħos għall-individwi li għandhom dawn it-tip ta' vetturi li ma jħamġux l-ambjent u għalhekk ikunu jridu jiċċarġjaw dawn il-vetturi minn ġewwa djarhom.

Dan se jsir permezz ta' rata speċjali fejn djar residenzjali jibdew iħallsu ftit inqas minn tlettax-il ċenteżmu ta' ewro kull unit (€0.1298) meta jiċċarġjaw dawn il-vetturi minn ġewwa r-residenza tagħhom.

### 4.5 Introduzzjoni ta' Skema fuq ġbir ta' kontenituri tax-xorb

Sur President, wara li ġew konklużi d-diskussjonijiet u ntlaħaq ftehim mal-konsorzju magħmul mill-operaturi u importaturi u ġie maqbul kif sistema bħal din tiġi implimentata, bi pjaċir inħabbar li sal-aħħar ta' din is-sena se tkun daħlet fis-seħħ il-Beverage Container Recycling Scheme, billi ser jiġu nstallati numru ta' magni bi prova, liema magni se jkunu qedgħin jintużaw biex titħaddem din l-iskema, u dan sabiex il-poplu jiffamiljarizza ruħu sakemm sal-aħħar tas-sena 2020 dawn it-tip ta' magni jkunu ġew installati madwar il-gżejjer Maltin.

## 4.6 Tnaqqis ta' Plastik li jintuża darba waħda

Relatata mal-problema tat-tniġġis ambjentali tal-plastik, hemm l-użu tal-prodotti magħmulin mill-plastik u li jintużaw darba waħda.

Prodotti ta' single use plastic se jibdew jiġu projbiti f'Malta. Fl-ewwel fażi, l-importazzjoni u produzzjoni ta' boroż tal-plastic, cutlery, straws u platti tal-plastic konvenzjonali single use se jiġu projbiti mill-1 ta' Jannar 2021. Il-bejgħ u distribuzzjoni tagħhom se jkun projbit mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan il-pass, juri biċ-ċar l-impenn ta' dan il-Gvern li jindirizza b'mod konkret it-tniġġis ambjentali f'kull aspett.

Biex jintlaħaq dan l-iskop, se nniedu skema ta' għajnuna, biex ħwienet tal-merċa, jarmaw green corners, fejn parti mill-ħanut ikun iddedikat biex ibigħu prodotti tal-ikel u oħrajn bl-użin. Għalhekk il-konsumaturi jibdew jieħdu kontenituri tagħhom u jimlewhom bil-prodotti li jkunu se jixtru.

Il-Gvern se jkun qed jissussidja nofs l-ispejjeż sa massimu ta' tlett elef ewro.

## 4.7 Aktar Afforestazzjoni u proġetti ambjentali

Inizjattivi oħra li se jkomplu jitwettqu fil-qasam ambjentali jinkludu r-rijabilitazzjoni tal-widien u l-proġetti differenti ambjentali, kemm fl-urban u kif ukoll f'żoni rurali jew bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' siti Natura 2000. Fix-xhur li għaddew il-Gven diġà ħabbar proġetti

kbar ta' afforestazzjoni f'siti ġodda f'Bengħisa u f'Ta' Qali, iżda minbarra dawn l-inizjattivi se jiġu inklużi siti oħrajn madwar il-pajjiż kollu, bħal ġewwa Kemmuna, il-Buskett, il-Park Nazzjonali tal-Inwadar u l-Park tas-Salina.

Fir-rigward ta' proġetti ambjentali fl-urban bdew il-preparamenti inizjali sabiex tissaqqaf parti minn Triq Reġjonali u dan sabiex il-lokalità ta' Santa Venera ma tibqax maqsuma f'żewġ partijiet, u, aktar importanti minn hekk, biex din iż-żona b'konċentrazzjoni urbana jkollha wkoll pulmun ta' arja u spazju rikreattiv fejn ir-residenti jistgħu jistrieħu mingħajr periklu u tniġġis riżultat tat-traffiku.

Wieħed jifhem li fil-qasam ambjentali, inizjattivi bħal dawk li semmejt, jistgħu jittieħdu biss jekk qabilhom ikunu saru eżerċizzji serji ta' studju u ppjanar.

## 4.8 Park Nazzjonali f'Ta Qali

L-ikbar proġett ambjentali, bla dubju ta' xejn hu l-Park Nazzjonali li se jinħoloq ġewwa Ta' Qali. Dan se jkun il-kontribut tagħna għal ġenerazzjonijiet futuri ta' pajjiżna. Għal dan il-għan kif ukoll għall-programm ta' afforestazzjoni, sejrin jiġu allokati żewġ miljun ewro (€2 miljuni).

F'dan is-sit ukoll se jkun hemm binja ġdida biex tilqa' fiha l-Arkivji Nazzjonali. B'hekk inkunu qed nippriservaw il-wirt kulturali ta' pajjiżna biex ikun jista' jitgawda u studjat mill-poplu Malti kollu u mhux biss.

L-Arkivji Nazzjonali, mhux biss jaħżnu fihom mijiet ta' eluf ta' dokumenti, ritratti, awdjo u vidjo, iżda huma sors ta' rikkezza fuq l-Identità Maltija. Dan il-wirt arkivjali uniku li għandna, irid ikun aċċessibbli għal kulħadd filwaqt li jiġi mħares kif jixraq.

## 4.9 L-Indafa Pubblika

L-Indafa Pubblika hi prijorita' nazzjonali.

Waqt li sar ħafna xogħol biex titjieb u kien hemm progress fejn tidħol l-indafa ġewwa pajjiżna, għad fadal xi jsir biex jitjieb il-livell ta' indafa li jixraq lil pajjiżna.

Bħalissa, l-indafa hija responsabbilta' ta' numru ta' entitajiet, li flimkien huma vvutati miljuni ta' ewro.

Biex insaħħu l-kordinament, sejrin inlaqqgħu flimkien dawk l-entitajiet pubbliċi kollha nvoluti, flimkien mal-imsieħba soċjali li b'xi mod jew ieħor huma nvoluti ma' dan il-qasam, biex infasslu pjan ta' kif se nutilizzaw aħjar ir-riżorsi umani u finanzjarji, jitjieb is-servizz li għandu jwassal biex iż-żamma tal-Indafa Pubblika ta' pajjiżna titjieb.

## 4.10 Industrija tal-kostruzzjoni iktar sostenibbli

Bla dubju ta' xejn il-qasam tal-Bini u l-Kostruzzjoni huwa settur li jaffettwa l-indafa. Għalhekk, il-proċess li bdejna biex inwaqqfu awtorita regolatorja fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni, mhux biss se sservi bħala l-veikolu biex indaħħlu iktar dixxiplina u osservanza tar-regolamenti f'dan il-qasam, iżda wkoll biex jonqos l-impatt ta' tniġġis ta' din l-industrija fuq l-Indafa tal-pajjiż.

Barra minn hekk, il-Malta Enterprise se tkun qed tinċentiva lill-operaturi f'dan is-settur li jiddisponu mill-makkinarju tagħhom u jibdluh f'makkinarju ġdid li jniġġes inqas skont standards stabbiliti. Din l-għajnuna tista' titla' sa massimu ta' mitejn elf ewro (€200,000). Il-makkinarju l-antik irid jiġi skrappjat. Min jixtri makkinarju addizzjonali (eskluż vetturi) sabiex inaqqas l-impatt fuq l-ambjent se jkun eliġibbli wkoll. Dan qed isir sabiex ninċentivaw lill-industrija tal-kostruzzjoni biex issir iktar ambjentalment sostenibbli.

### 4.11 Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ

Matul is-sena li għaddiet, komplejna għaddejjin bi programm ta' xogħlijiet u inizjattivi ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibiltà f'diversi lokalitajiet u xtajtiet madwar Malta. Dawn ix-xogħlijiet se jkomplu għaddejjin fix-xhur li ġejjin anke f'żoni mhux tradizzjonalment meqjusa bħala turistiċi.

Sabiex jiżdiedu ż-żoni tal-għawm ramlin, tkabbru u żdiedu il-faċilitjiet li wieħed isib, f'numru ta' bajjiet fin-nofsinhar ta' Malta. Fl-istess waqt, qegħdin naraw liema bajjiet nistgħu nestendu is-sena d-dieħla, fosthom il-Bajja tar-Rinella u l-Bajja tal-Għadira.

Ser isir ukoll proġett pilota fejn ser inżidu l-aċċessibilita' f'żoni fejn hemm il-blat (rocky beaches) u dan filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda intervent negattiv fuq l-ambjent naturali.

Is-sena d-dieħla se jiġi żviluppat National Trail Network bil-għan li jippromwovi nisġa ta' rotot (trails) u tiżdied l-aċċessibilta' f'diversi żoni rurali f'Malta permezz ta' mixjiet u interventi ta' aċċessibbiltà aħjar fil-kampanja u matul il-kosta.

Wara li matul din is-sena, twettqu proġetti ta' riġenerazzjoni fuq Ġnien Laparelli, għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq ix-Xatt tal-Imsida, ix-Xatt tal-Kalkara u f'Tal-Pieta'; fuq Ġnien il-Mall; u l-bidu għar-restawr tad-daħla tal-Isla u l-Belvedere. Dan barra li se jitkompla r-restawr l interventi f'binjiet propjeta' tal-gvern, li se jitkompla fiż-żoni ġewwa l-Belt Valletta.

F'Marsaxlokk, ser isir xogħol biex jiġu preservati l-karatteristiċi ta' dan ir-raħal tas-sajjieda, u jibda wkoll x-xogħol fuq pitch tal-waterpolo; filwaqt li f'Birżebbuġia isir xogħol ta' preparazzjoni għall-proġett ta' afforestazzjoni u sit għall-ikkampjar.

Ser isir proġett għat-tisbiħ ta' Ġnien Spinola u ta' sitt siti oħra bħala parti mill-Paceville Embellishment programme.

Sejrin intejbu l-faċilitajiet għad-diving, billi ntejbu l-aċċess għar-wrecks u nwettqu l-immaniġjar taż-żoni riservati għall-għaddasa f'numru ta' żoni li huma identifikati għad-diving u popolari mal-istess għaddasa.

## 4.12 Enerġija

Sur President, wara li s-sena li għaddiet, ġie konkluż l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2021-2030, il-pjan finali ser jkun qed jiġi sottomess lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru ta' din is-sena. F'dan il-pjan, il-Gvern qed jidentifika numru ta' xenarji li jikkunsidraw miżuri bbażati fuq l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Enerġija u Klima u li ħa jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni Ewropea għall-2030.

Skemi u miżuri varji li qed jikkontribwixxu għall-użu iktar effiċjenti tal-enerġija u produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, se jkomplu jiġu amministrati fl-2020. Dawn jinkludu skemi għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi solari, heat pump water heaters, solar water heaters, u insulazzjoni aħjar tad-djar. Barra minn hekk, se tkompli tiġi stabbilita feed-in tariff għall-elettriku ġenerat minn installazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx.

### 4.13 Grant għal batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli

Sur President, irrid insemmi miżura li tidħol matul is-sena d-dieħla, dik li se nagħtu grant ta' ħamsa u għoxrin fil-mija tan-nefqa, ikkapjata sa elf ewro (€1,000) biex jinxtraw batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli. Se jkunu eliġibbli għal din l-iskema, dawn l-individwi li diġà kienu installaw pannelli solari u spiċċalhom il-kuntratt li kellhom tal-feed-in-tariff. Aktar dettall jingħata meta tiġi varata l-iskema.

Dawn il-miżuri huma mistennija jżidu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. B'hekk dawn l-iskemi se jkomplu jgħinu biex Malta tnaqqas id-dipendenza fuq sorsi ta' enerġija konvenzjonali, kif ukoll tnaqqas l-emissjonijiet fl-arja.

L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli tappoġġja l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli permezz ta' diversi azzjonijiet u miżuri għall-familji, inkluż djar vulnerabbli, l-industrija u s-settur tas-servizzi.

Pass ieħor importanti fl-istrateġija tal-enerġija, huwa l-proġett infrastrutturali tal-gas pipeline bejn Malta u Sqallija. Dan se jissupplixxi lill-Power Station f'Delimara flok il-Floating

Storage Unit li qed jintuża bħalissa. Dan il-proġett mistenni jsir b'investiment ta' erba' mitt miljun ewro (€400 miljun) sal-2024 u ser jgħaqqad lil Malta man-network Ewropew tal-Gass. B'din l-infrastruttura, Malta se tkompli ttejjeb il-kwalità tal-arja u s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali.

Bil-għan li nkomplu nsaħħu s-servizz tal-elettriku mogħti lill-konsumatur, l-Enemalta ser tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bl-estensjoni u x-xogħol f'diversi ċentri ta' distribuzzjoni. Permezz ta' aktar investiment fl-infrastruttura tal-informatika, l-ARMS se tipprovdi lill-konsumatur faċilitajiet ta' ħlas aktar affidabbli u mgħaġġel.

Sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar miżuri ekoloġiċi u ta' effiċjenza fl-enerġija, matul is-snin li ġejjin, il-Gvern se jaħdem fuq ir-riġenerazzjoni ta' diversi pjazez madwar Malta u Għawdex, sabiex dawn iż-żoni jkunu awtosostenibbli.

### 4.14 L-Immaġinjar tal-Ilma

Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-ilma, il-Gvern se jkompli jsaħħaħ b'mod aktar konkret il-ħidma sfiqa biex jiżgura provvista ta' ilma ta' kwalità aħjar li tkun ukoll aktar sigura u sostenibbli. Dawn id-diversi xogħlijiet li qed isiru mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, b'nefqa ta' 'l fuq minn mija u tletin ewro (€130 miljun) li qed jiġu kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, sejrin jitkomplew. Dan qed iwassal biex tiġi introdotta teknoloġija ġdida fl-impjanti tar-reverse osmosis biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija filwaqt li titjieb l-effiċjenza.

Sabiex tlaħħaq maż-żieda fil-popolazzjoni, il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma se tbiddel l-pompi fil-pumping stations tax-Xama' f'San Pawl il-Baħar u dik f'tal-Pwales fix-Xemxija.

Il-Gvern sejjer ukoll ikompli wkoll jaħdem biex jissalvagwardja l-kwalità tal-ilma prodott mill-impjanti tad-drenaġġ, li jipproduċu ilma ġdid irriċiklat ta' livell terzjajru. Fil-fatt, għaddej xogħol kbir, fejn il-Korporazzjoni qed testendi n-network ta' dan l-ilma ġdid sabiex ikunu jistgħu jgawdu minnu aktar bdiewa kemm fit-Tramuntana, kif ukoll fin-Nofsinhar ta' Malta.

Ix-xogħol ta' tqattigħ tal-mina mir-reverse osmosis f'Pembroke għall-ġibjuni f'Ta' Qali qed jitkompla.

Il-Gvern se jkompli bil-ħidma fuq il-Kampanja Nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma li se titwassal f'kull belt u raħal ta' pajjiżna u b'hekk tkompli xxerred l-għarfien dwar kif jiġu adottati prattiċi effiċjenti fl-użu ta' din ir-riżorsa importanti.

## 5. INKOMPLU NSAĦĦU L-INFRASTRUTTURA

Sur President, matul din is-sena, il-Gvern kompla jwettaq il-pjan ambizzjuż tiegħu li jtejjeb l-infrastruttura tat-toroq tal-pajjiż fuq medda ta' seba' snin, bi spiża ta' mitt miljun ewro fis-sena. Ix-xogħol qed naraw li jsir sew, isir fiż-żmien stipulat u li jkun miżmum kif jixraq. Qegħdin fl-istess waqt nippromwovu l-użu ta' mezzi alternattivi u nkomplu nsaħħu s-servizz tat-trasport pubbliku. Titjib sostanzjali fl-infrastruttura qed isir ukoll anke fuq livell lokali sabiex dan l-investiment ikompli jħalli l-frott fil-qalba tal-komunitajiet tagħna.

### 5.1 Infrastruttura

L-Aġenzija Infrastructure Malta kompliet b'diversi xogħlijiet fit-toroq matul is-sena li ġejja. Sal-aħħar tas-sena d-dieħla nkunu lestejna s-seba' flyovers u madwar tliet kilometri u nofs ta' passaġġi għar-roti u l-mixi li qed isiru permezz tal-Marsa Junction Project. Se nlestu wkoll il-mini taħt ir-roundabout ta' Santa Luċija.

Ser jitkompla x-xogħol fuq is-Central Link Project u wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Awtoritàtal-Ippjanar, jingħata bidu tal-proġetti tal-flyovers fl-Imsida, l-Imsida Creek Project, u l-proġett tat-twessigħ ta' Triq Sant' Andrija u l-erba' mini ġodda tal-Pembroke- St. Julian's Connections Project.

Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex joħloq spazji aktar siguri biex inħajru aktar persuni jużaw mezzi tal-ivvjaġġar alternattivi u aktar sostenibbli. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se nintroduċu f'Malta l-ewwel pontijiet pedonali mibnija b'rampi apposta biex jintużaw b'aktar

kumdità miċ-ċiklisti. Ix-xogħol fuq tnejn minnhom, fi Blata l-Bajda u l-Gudja, beda diġà. Infrastructure Malta se tagħmel ieħor ħdejn l-MCAST, biex tgħaqqad flimkien l-inħawi ta' Kordin mal-qalba ta' Raħal Ġdid. Se nkomplu nżidu l-korsiji għar-roti, fosthom dik tas-Central Link Project u fi Vjal Santa Luċija.

Se jkompli wkoll il-programm ta' tiswijiet u manutenzjoni tat-toroq u l-bini mill-ġdid tat-toroq fil-kampanja, biex noħolqu aċċessi aħjar għall-bdiewa tagħna.

Fil-qasam Marittimu, il-Gvern se jibda xogħol fuq tliet ferry landing sites oħra, filwaqt li se nlestu l-proġett ta' titjib tal-faċilitajiet tas-sajjieda fil-port tal-Imġarr Għawdex u tkomplija tal-bini ta' breakwater tal-Qrejten ġewwa l-bajja ta' Marsaxlokk.

Il-qasam tal-avjazzjoni kompla juri żieda qawwija fuq diversi livelli. Ir-reġistru laħaq in-numru rekord ta' tliet mija u ħamsin ajruplan u l-kumpaniji li ngħataw il-liċenzja tal-operat mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili kważi rdoppja. Saret konsultazzjoni biex il-liġijiet li kienu ilhom ma jiġu aġġornati jiġu riveduti u aġġornati sabiex inkomplu nattiraw aktar investiment f'pajjiżna.

## 5.2 Trasport

Bil-għan li nħeġġu aktar nies jixtru karozzi li ma jħammġux l-arja, sejrin inkomplu neżentaw minn kull taxxa ta' reġistrazzjoni lil kull min jixtri karozzi elettriċi jew elettriċi ibridi, filwaqt li sejrin inkomplu nsaħħu l-infrastruttura bl-installazzjoni ta' aktar minn mitejn charging pillar li diġà installajna. Dan minbarra t-tariffa residenzjali mnaqqsa li ħabbart iktar kmieni llum.

Sejrin ukoll naraw li t-trasport pubbliku mhux biss ikompli jitjieb biex jaqdi aktar faxex tal-popolazzjoni, iżda li aktar nies jużaw dan il-mezz ta' trasport tal-massa. Kien għalhekk li propju ftit ilu sar investiment kemm fid-diversi rotot, kif ukoll fil-flotta innifisha fejn ġew introdotti mal-flotta preżenti erbgħin karozza tal-linja ġodda.

Min-naħa l-oħra l-Gvern qed ikompli jinċentiva d-domanda billi jissussidja bil-kbir faxex kbar tas-soċjetà Maltija u Għawdxija permezz ta' trasport kollettiv b'xejn lejn u mid-dar għall-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex, u mis-sena d-dieħla bħal ma' għidna jestendu l-miżura "Tal-Linja Card" b'xejn mhux biss liż-żgħażagħ iżda wkoll kif ħabbarna diġa anke lill-anzjani.

Is-servizz tat-trasport pubbliku li niedejna permezz tal-On-Demand Buses, fejn wieħed jista' jibbukkja vettura permezz ta' telefonata jew mobile app, sejrin inkomplu nsaħħuh.

Fil-qasam marittimu se nkomplu nikkonsolidaw il-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala ċentru marittimu ta' eċċellenza. Se jibqa' jkun hemm inċentivi biex nattiraw aktar kumpaniji li joperaw f'din l-industrija lejn pajjiżna kif ukoll biex nikkonsolidaw ir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili, sabiex jibqa' l-ewwel fl-Ewropa u s-sitt l-akbar fid-dinja. Dan ikompli jsostni l-fiduċja li Malta tgawdi llum il-ġurnata ma' investituri barranin.

Qegħdin insaħħu l-liġi sabiex l-investigazzjonijiet relatati mas-sigurtà fit-trasport bil-baħar, bl-ajru u fit-triq, ikunu jaqgħu taħt aġenzija waħda msejħa Transport Safety Investigation Agency. Ir-rapporti li toħroġ din l-aġenzija jkun jista' jarahom il-pubbliku,

bl-intenzjoni tagħha ma tkunx li tara ta' min kien it-tort li seħħ inċident, iżda minflok tirrakkomanda metodi li bihom intejbu l-livell tas-sigurtà fit-trasport.

## 5.3 Konnettivita' fuq il-baħar

Il-Gvern qed iħares ukoll lejn l-aspett important ta' konnettività fuq il-baħar.

Il-viżjoni tagħna tmur lil hinn minn titjib fl-infrastruttura fuq in-netwerk tat-toroq tagħna biss – nemmnu li rridu nkomplu naħdmu biex ninċentivaw l-użu tal-mezzi alternattivi fosthom is-servizz tat-trasport pubbliku inkluż dak tal-ferries.

B'din il-viżjoni f'moħħna, qegħdin ninvestu wkoll fil-ferry landing sites eżistenti sabiex intejbuhom, filwaqt li nikkunsidraw ferry landing sites ġodda.

Sejrin nagħmlu sejħiet ġodda sabiex inżidu l-konnessjonijiet bil-baħar li fost l-oħrajn se jinkludu żoni bħal Kottonera, Marsaxlokk, Marsaskala, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan u Mellieħa u oħrajn.

Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett tal-ferry landing site ta' Marsamxett, b'investiment ta' madwar mitejn elf ewro (€200,000), it-taqsima tal-infrastruttura marittima ta' Infrastructure Malta se timmodernizza sitt siti oħra simili. Barra minn hekk, fit-tieni fażi tal-proġett, se jinħolqu faċilitajiet ta' kenn aħjar għal persuni li jkunu qed jistennew biex jirkbu l-laneċ.

Il-Gvern kommess li jkompli joffri soluzzjonijiet ta' kif wieħed jista' jivjaġġa, soluzzjonijiet sostenibbli u li jmorru lil hinn mill-użu tal-karozza privata.

## 5.4 Għotja fuq xiri ta' roti, roti tal-elettriku (pedelec bicycles) u muturi

L-iskema fejn qed tingħata għotja fuq roti u roti elettroniċi li hi ekwivalenti għal refund sħiħ tal-VAT se tiġi estiża għal sena oħra. Anke l-iskema li tinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, scooters u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400, se tiġi estiża għas-sena d-dieħla.

## 5.5 Investiment f'mezzi ta' trasport alternattiv

L-iskema li daħħalna tliet snin ilu fejn qed jingħata grant kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu bicycle racks biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra.

## 5.6 Skemi Oħrajn

Fl-aħħarnett, għal sena oħra, se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi. Il-grant se tvarja skont kemm tniġġes il-vettura l-ġdida. Vettura li tniġġes l-inqas il-grant tkun ta' elf u ħames mitt ewro. L-għoti ta' grant għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol hija ta' €200.

Irridu għalhekk naraw li b'mod gradwali kull petrol station tibda tkun attrezzata wkoll biex toffri servizz ta' charging points u forniment ta' gass.

# 6. SAĦĦA U EDUKAZZJONI

## 6.1 Saħħa

Sur President, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna ma jista' qatt jilħaq il-milja tiegħu jekk il-poplu Malti u Għawdxi ma jkunx wieħed b'saħħtu, edukat fil-prevenzjoni u fornut bl-aqwa kura, mediċini u servizzi tas-saħħa.  Huwa għalhekk li l-Gvern, sa mill-ewwel leġiżlatura tiegħu, poġġa s-Settur tas-Saħħa fuq quddiem tal-prijoritajiet tiegħu.  Ir-riżultati pożittivi li ksibna matul is-snin m'humiex viżibbli biss f'termini ta' fejqan mill-mard, ħajjiet itwal u iżjed b'saħħithom, iżda saħansitra permezz tar-rikonoxximenti li ksibna, kemm fuq pjattaformi Ewropej u dawk internazzjonali, bħal meta ġejna kklassifikati bħala d-disa' l-aqwa pajjiż fis-Settur tas-Saħħa minn fost mija, ħamsa u disgħin pajjiż madwar id-dinja.

Filwaqt li kburin bil-kisbiet li għamilna f'dan is-settur, determinati li nkomplu nsaħħu l-impenn tagħna lejn is-saħħa tal-poplu Malti u Għawdxi permezz tal-miżuri li qed nintroduċu f'dan il-baġit, għaliex verament nemmnu li pajjiżna jixraqlu u għandu jkompli jgawdi l-aħjar.

## 6.2 Servizzi tas-Saħħa Ġodda

Sur President, fost l-investimenti ppjanati għall-Isptar Mater Dei nsibu l-binja l-ġdida tal-Outpatients li, fost l-oħrajn, se tkun qed toffri wkoll servizzi ta' kwalità ogħla u esperjenza iktar pożittiva u ta' valur għall-pazjent.

Se nkunu qed ninvestu f'apparat ġdid ta' robotic surgery, li hu essenzjali f'interventi bħal fil-qasam tal-Onkoloġija.

Wara li l-Isptar Mater Dei ġie rikonoxxut bħala ċentru awtorizzat li jifforma parti mill-European Reference Networks, pazjenti Maltin se jkunu jistgħu jibdew jibbenefikaw mill-kura offruta f'dawn iċ-ċentri ta' riferenza mifruxin mal-pajjiżi Ewropej.

Il-Gvern beħsiebu wkoll jintensifika l-investiment tiegħu fil-Kura Primarja għax jemmen bis-sħiħ li dan is-settur għandu l-potenzjal li joffri numru ta' servizzi speċjalizzati, b'ritmu iktar effiċjenti, aktar qrib iċ-ċittadin u mill-komunità fejn persuna tgħix. Diġà bdejna nsarrfu dan l-impenn b'investiment f'Ċentru Reġjonali fin-Nofsinhar ta' Malta u issa sejrin niffukaw sabiex noħolqu Ċentru ieħor fit-Tramuntana ta' Malta.

Iċ-Ċentri Reġjonali mhumiex intiżi biex jieħdu post iċ-Ċentri tal-Kura Primarja, iżda hu intiż li jikkumplimenta l-mudell ta' Ċentri fil-lokalitajiet. It-tisħiħ fil-qasam tal-Kura Primarja se jkompli jiġi indirizzat permezz ta' investiment fit-tiġdid ta' ħafna miċ-Ċentri tas-Saħħa eżistenti. Se jinbena wkoll Ċentru għall-Kura Primarja f'Għawdex. Dawn kollha mistennijja jinkludu l-introduzzjoni ta' tagħmir mediku ġdid u servizzi ġodda.

## 6.3 Saħħa Mentali

Il-kura tas-saħħa mentali hija prijorità li biħsiebna nkomplu niffukaw fuqha, mhux biss għax is-saħħa tal-pazjenti li qed jiffaċċjaw sfidi mentali hija importanti għalina imma għaliex l-istatistika turi li n-nuqqas ta' saħħa mentali se tkun waħda mill-ikbar sfidi fis-snin li ġejjin.

Għal dan il-għan, sejrin inkomplu nsostnu u nsaħħu r-ritmu ta' tiġdid meħtieġ għall-Isptar Monte Karmeli, nibqgħu mixjin fuq

il-pjanijiet tal-bini ta' sptar ġdid għall-kura akuta psikjatrika, waqt li nagħtu enfasi fuq kura għas-saħħa mentali fil-komunità.

### 6.4 Mediċini ġodda

L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-qalb u ċ-ċirkulazzjoni, kanċer, mard tal-ġilda u mard rari. Se nestendu wkoll il-programm għall-eradikazzjoni tal-Epatite Ċ filwaqt li nkomplu nsaħħu l-formularju.

L-investiment fil-kura tal-kanċer mhux se jkun limitat biss għax-xiri tal-mediċini relatati iżda se jinkludi l-introduzzjoni ta' servizzi li jindirizzaw il-bżonnijiet tan-numru ta' persuni li jirnexxielhom jegħlbu l-marda tal-kanċer b'suċċess. Kumplimentari ma' dawn hemm l-introduzzjoni ta' Clinical Risk Management Unit li se tkun qed tassigura titjib fil-kwalità tas-servizzi mogħtija.

### 6.5 Strateġija u riċerka

Se nibqgħu nisħqu fuq politika ta' prevenzjoni, filwaqt li nrawmu u nsaħħu kultura bbażata fuq l-edukazzjoni u mmirata lejn impenn sħiħ favur is-saħħa fiżika u psikoloġika ta' kull individwu. Se nkunu għalhekk qed ninvestu biex insaħħu u nwessgħu l-iskeda nazzjonali tat-tilqim kontra l-mard infettiv.

Se nniedu wkoll National Poison Centre, li minnu se jiġi offrut servizz ġdid għall-persuni esposti għall-kimiċi tossiċi varji.

Se nvaraw ukoll politika ġdida fl-oqsma tal-mard kroniku, attività fiżika, reżistenzi għall-antibijotici u anke s-saħħa sesswali.

Politika soda trid tkun imsejsa fuq riċerka infurmata u evidenza. Għaldaqstant, se nkunu qed ninvestu f'riċerka speċjalizzata f'uħud minn dawn l-oqsma kif ukoll riċerka ta' natura aktar ġenerika, magħrufa bħala l-European Health Interview Survey. Se ninvestu b'impenn ikbar f'kampanji li jindirizzaw temi ta' saħħa, fosthom dik tad-donazzjoni tal-organi.

Se nsaħħu wkoll is-servizzi mogħtija f'każ ta' stupru sabiex is-sapport lill-vittmi involuti jkun wieħed iktar ħolistiku.

## 6.6 Edukazzjoni

Fl-edukazzjoni se nissoktaw bl-impenn tagħna biex ikomplu jintlaħqu u jirnexxu aktar tfal u żgħażagħ. Dan hu Gvern magħruf li bena fuq it-tajjeb li wiret u li ma beżax iġedded u jbiddel fejn hu meħtieġ. Riżultat ta' dan, f'dawn l-aħħar snin, rajna titjib fil-ħiliet bażiċi tal-istudenti, tnaqqis sinifikanti ta' early school leavers, ferm aktar studenti jimxu lejn ir-rotta vokazzjonali, u ħafna aktar adulti jissoktaw fit-tagħlim tagħhom tul il-ħajja. Għalhekk aħna Gvern li sena wara l-oħra bqajna ninvestu fl-edukazzjoni. Dan kollu konna ppjanajnieh fil-Qafas Strateġiku li ppubblikajna fl-2014, u ħabbarnieh bir-riforma tal-'My Journey' fl-2016. Se nkomplu naħdmu biex noffru kull opportunità li nistgħu lil uliedna biex jirnexxu tabilħaqq ilkoll.

## 6.7 Inkomplu ninvestu f'teknoloġija avvanzata għall-iskejjel tagħna

Malta kienet l-ewwel pajjiż li għamel użu minn blockchain fl-edukazzjoni fejn ċertifikati maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, mill-MCAST, mill-ITS, mill-NCFH, u

mill-Istitut għall-Edukazzjoni, saru disponibbli permezz ta' din it-teknoloġija sigura u aċċessibbli.

Għas-sena d-dieħla, din it-teknoloġija se tiġi estiża iktar biex tkopri iktar istituzzjonijiet fosthom l-Università ta' Malta.

Wara l-introduzzjoni tal-One Tablet per Child mill-Year 4 sal-year 6 tal-primarja fl-aħħar tliet snin, sejrin ngħaddu għat-tieni fażi ta' dan il-proġett, fejn is-sena d-dieħla ser jitwettaq proġett pilota fi skejjel medji. Dan il-proġett pilota għandu jwassal biex isir rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar il-possibilità li nespandu l-użu tat-teknoloġija fl-iskejjel, bħala għodda li tgħin fit-tagħlim, għall-istudenti fl-iskejjel medji wkoll.

### 6.8 Nissoktaw bl-investiment fl-MCAST u fl-Università ta' Malta

Sur President, matul is-sena d-dieħla sejrin inkomplu ninvestu 'l fuq minn seba' miljun ewro fl-infrastruttura fl-Universita' ta' Malta u tal-MCAST, sabiex l-istudenti tagħna jkollhom faċilitajiet aktar xierqa għaż-żminijiet tal-lum, fosthom laboratorji moderni.

Din is-sena ser nagħtu allokazzjoni lill-Universita' biex ninċentivaw aktar akkademiċi biex jaħdmu fuq riċerka innovattiva.

### 6.9 Aktar investiment biex nimmodernizzaw l-iskejjel

Sur President, il-Gvern se jissokta bl-impenn tiegħu fuq l-infrastruttura tal-iskejjel. Dan billi nkomplu x-xogħlijiet ta' manutenzjoni u t-tisbiħ u bi bdil ta' għamajjar f'għadd ta' skejjel.

Wara li din is-sena ftaħna l-iskola primarja l-ġdida ta' Marsaskala, lestejna childcare centre ġdid f'San Ġiljan, se nkunu lestejna madwar tmenin  workshop, state-of-the-art għas-suġġetti vokazzjonali u applikati, u se nkunu mmodernizzajna l-ewwel żewġ blokki tal-iskola sekondarja taż-Żejtun.

Is-sena d-dieħla se niftħu l-iskola primarja l-ġdida tal-Qawra, jinbdew ix-xogħlijiet fuq il-bqija tal-blokki tal-iskola taż-Żejtun, jinbeda l-proċess biex tinbena s-sala tal-iskola sekondarja ta' Santa Luċija, u jissoktaw it-tħejjijiet għall-bidu tal-iskejjel primarji tal-Imsida u tar-Rabat Għawdex

## 6.10 Transport kollettiv b'xejn minn u lejn l-iskejjel kollha

Matul l-aħħar sena skolastika, ġiet introdotta l-iskema ta' trasport b'xejn għall-istudenti kollha fil-primarja u s-sekondarja, għall-istudenti li jattendu skejjel tal-Gvern kif ukoll dawk indipendenti u tal-Knisja.

'Il fuq minn sitta u għoxrin elf student qed jużaw dan is-servizz b'xejn li għalkemm l-ispiża laħħqet is-sebgħa u għoxrin miljun ewro fis-sena, qed tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku u tnaqqas it-tniġġis tal-arja. Irrid infakkar li b'din il-miżura, il-familji qed jiffrankaw medja ta' €700 għal kull wild.

Din il-miżura ġiet estiża għas-sena skolastika li għadha kif bdiet.

## 6.11 Insaħħu l-lingwa Maltija u nippromwovu t-tagħlim tal-lingwi barranin

Se nkunu qed nibdew il-proċess meħtieġ sabiex il-lingwa Maltija, bħalma nsibu għal lingwi oħrajn, ikollha Spellchecker tal-Malti disponibbli għall-użu online. Din l-inizjattiva ġdida qed tittieħed biex tintuża aktar u aħjar il-lingwa Maltija waqt li tinżamm ħajja billi jagħmilha iktar faċli li tuża l-lingwa Maltija għall-komunikazzjoni bil-kitba.

Bil-għan li nkomplu nistimulaw l-użu tal-Malti, se jiġi organizzat konkors fil-kitba tal-Malti u s-sinifikat letterarju tax-xogħol ta' Dun Karm u l-lingwa Maltija se jingħata iktar piż.

Biex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ iwessgħu l-orizzonti tagħhom u jesperjenzaw kulturi differenti, il-Gvern se jagħti sa massimu ta' €850 lil kull żagħżugħ u żagħżugħa li jitgħallmu lingwa barranija f'pajjiż ieħor.

## 6.12 Miżuri favur ħajja sana

Wara li introduċejna miżuri sabiex inroddu lura t-tfulija lit-tfal u lill-istudenti tagħna bħalma huma l-Homework Policy, l-assessjar kontinwu matul is-sena u t-tneħħija tal-eżamijiet ta' nofs is-sena, din is-sena se nkomplu ninvestu l-attenzjoni favur ħajja aktar sana.

Naraw li jitfassal qafas ta' gwida dwar il-piż tal-basktijiet tal-istudenti u jerġa' jitfassal studju nazzjonali fost l-istudenti biex jitkejjel il-piż ta' kull student u kif ukoll it-toqol tal-basktijiet. Se jfassal ukoll pjan li bih l-iskejjel tal-Istat ikunu provduti b'drinking water fountains.

## 6.13 Inkomplu nilħqu aktar Żgħażagħ

Dan il-Gvern irid ikompli jilħaq ukoll liż-żgħażagħ tagħna f'kull aspett tal-ħajja, għaldaqstant wara li ħadddimna b'suċċess il-Youth Guarantee, fejn kull żagħżugħ jew ikun fl-istudju jew fix-xogħol, se nestendu s-servizzi tagħna biex naħdmu maż-żgħażagħ li għal xi raġuni jieqfu mill-istudji tagħhom waqt li qegħdin isegwu kors postsekondarju permezz ta' Reach Out. Dan is-servizz se jgħinhom biex isolvu l-isfidi li qed jiltaqgħu magħhom waqt li jieħdu deċiżjonijiet infurmati biex ikomplu jistudjaw jew isibu impjieg.

Se nibdew ukoll programm ta' youth work fiċ-Ċentru Korrettiv tal-Imtaħleb li se jagħti ħiliet liż-żgħażagħ biex jagħrfu aħjar il-potenzjal tagħhom u jrabbu aktar kunfidenza, b'hekk nippreparawhom għal inklużjoni fis-soċjetà.

## 6.14 Istitut għall-Istudji Turistiċi

Sur President, din is-sena l-ITS irreġistra żieda ta' aktar minn 80 fil-mija fl-ammont ta' studenti li daħlu għal kors fuq bażi full time. Sabiex l-ITS nużawh bħala katalist biex intejbu l-prodott turistiku, speċjalment dak ta' riżorsi umani, din is-sena bdejna programm ta' outreach mal-lukandi ta' pajjiżna. Dan sabiex inħarrġu lil dawk il-persuni li diġà jagħtu servizz fil-lukandi tagħna sabiex jagħtu servizz aktar denju u ta' kwalità. Fl-istess ħin, bi ftehim ta' Affiljazzjoni mal-Emirates Academy of Hospitality Management, se nkunu qegħdin noffru l-ewwel kwalifiċi f'livell ta' Masters fil-qasam tal-Ospitalità (Heritage interpretation), kif ukoll l-ewwel Baċellerat fil-qasam tad-Diving.

Hu mistenni li jibda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta’ kampus, state of the art, fi Smart City. Il-kampus se jkun jinkludi wkoll lukanda li se tkun qed titmexxa mill-istess studenti ta’ dan l-Istitut.

### 6.15 Inkomplu nnaqqsu l-Iskills Gap

Se nkunu qed naraw li nkomplu nsaħħu l-Kunsill Malti għall-Ħiliet sabiex jintlaħaq l-għan li l-industrija u l-edukazzjoni jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-esperjenza ta’ xogħol u tagħlim tkun waħda aktar effettiva. Il-ħolqien tal-Industry Education Hub se jkun qed jiżgura li d-diversi bordijiet operattivi tal-apprendistat ikunu qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità.

### 6.16 Il-Bibljoteka Nazzjonali u l-Librerija Pubblika

Sur President, wasal iż-żmien li ninvestu fil-konservazzjoni, ir-restawr u l-immodernizzar tal-bini storiku tal-Bibljoteka Nazzjonali. Il-konservazzjoni u l-aġġornament ta’ bini bħal dan jagħmel is-sit iktar aċċessibbli u attraenti għat-turisti u r-riċerkaturi.

Barra minn hekk, ser nibdew il-proċess biex jitnieda proġett ta' indiċi diġitali tal-kotba, dokumenti u manuskritti fl-istess Bibljoteka Nazzjonali ħalli dawn id-dokumenti jkunu jistgħu jiġu aċċessibbli onlajn.

Se jsir ukoll investiment fil-Librerija Nazzjonali biex din jinħoloq spazju interattiv li jiffaċilita aktar l-inklużjoni u sservi ta’ riżorsa b’saħħitha favur aktar litteriżmu.

### 6.17 Pjazza Teatru Rjal

Matul is-sena d-dieħla, se nibdew proċess ta' konsultazzjoni dwar xi rridu mill-ispazju li llum fih hemm Pjazza Teatru Rjal, inkluż dwar jekk irridux nagħmlu xogħlijiet fih biex jaqdi aħjar il-kalendarju kulturali.

M'aħna qed neskludu xejn f'dan l-istadju u se nilqgħu kull proposta bil-għan li dan is-sit jiġi valorizzat iktar b'rispett lejn il-patrimonju tagħna, inkluż li nsaqqfu l-istess teatru.

### 6.18 Kultura u l-Patrimonju Nazzjonali

Il-kultura hija għodda importanti tad-diplomazija u għal dan il-għan se naħdmu biex insaħħu r-rwol ta' pajjiżna billi nisfruttaw l-opportunitajiet li jinħolqu minn ftehim bilaterali fil-qasam tal-Kultura.

Fl-istess ħin, se nniedu politika nazzjonali għall-kultura sal-aħħar tal-2020 li tirrifletti l-aspirazzjonijiet ta' eċċellenza f'dan il-qasam biex inkattru l-ħiliet u l-kompetenzi artistiċi u kulturali.

Sejrin ukoll inġeddu inizjattivi fil-qasam tal-Wirt Dinji tal-UNESCO, biex bħala pajjiż inkunu nistgħu inressqu wirt intanġibbli Malti u postijiet oħra f'Malta u Għawdex jitpoġġew fuq il-Lista ta' Wirt Dinji.

Fejn jidħol il-Partimonju Nazzjonali, barra li se nkomplu nwettqu l-proġett li jwassal għall-Inventarju Nazzjonali tal-Patrimonju (immobbli u mobbli) b'mod xjentifiku u aġġornat, se nkomplu nsaħħu l-Fond għall-Patrimonju Kulturali bil-għan li jkun

hemm aktar investiment għal riċerka marbuta mal-arkeoloġija, l-esplorazzjoni, r-riċerka fl-arkivji u oħrajn.

Se nibdew l-iskavar arkeoloġiku biex jiġu salvati l-fdalijiet tat-tempju neolitiku ta' Xrobb l-Għaġin u nkomplu nsostnu t-twaqqif tal-Unit tal-Wirt Kulturali ta' taħt il-Baħar bil-għan illi jipproteġi, jiddokumenta, jippromwovi u jagħmel aktar aċċessibbli l-patrimonju kulturali ta' taħt il-baħar.

Fejn jidħol ix-xogħol ta' restawr fuq il-wirt arkitettoniku, matul is-sena d-dieħla, bosta binjiet ta' importanza nazzjonali, bħall-Cottonera Lines, il-Victoria Lines u Forti Rikażoli, se jsir xogħol ta' restawr fuqhom.

# 7. KOMPETITTIVITÀ U ATTIVITÀ EKONOMIKA

Sur President, it-tkabbir ekonomiku b'saħħtu li qed nesperjenzaw huwa riżultat ta' politika serja u pjan ċar li għandu l-Gvern Malti. Għaldaqstant, hija l-intenzjoni tal-Gvern, li nkomplu ndaħħlu miżuri oħra biex inkomplu niġġeneraw ekonomija f'niċeċ ġodda li jżommuha diversifikata u b'hekk toħloq aktar ġid u kwalità ta' ħajja aħjar.

## 7.1 Il-Bank Malti ta' Żvilupp (MDB)

L-għan tal-Gvern meta waqqaf il-Bank Malti ta' Żvilupp kien u ghadu li jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet fis-suq finanzjarju biex jitkattar aktar l-investiment, jippermettu inizjattivi produttivi għall-ħolqien ta' impjiegi u ġid soċjali u ekonomiku.

Fit-tieni sena mit-twaqqif tiegħu, il-Bank kompla jżid l-impatt tiegħu fuq l-ekonomija Maltija bl-introduzzjoni ta' numru ta' skemi ta' garanziji fuq self lill-SMEs. Permezz tal-garanzija tal-MDB, l-SMEs jistgħu jibbenifikaw minn aċċess akbar għal self bankarju, rati ta' mgħax iktar favorevoli kif ukoll ammont iżgħar ta' assi kollaterali mitluba biex ikopri s-self.

L-MDB jinsab ukoll f'negozjati biex jimplimenta skemi ta' garanzija ta' dan it-tip ma' aktar banek biex b'hekk ikun kopert parti ikbar mis-suq, kif ukoll jikkofinanzja mal-banek biex b'hekk jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' SMEs.

Barra minn hekk, l-MDB jinsab għaddej minn proċess ta' konsultazzjoni ma' numru ta' entitajiet privati u pubbliċi inkluż

banek kummerċjali biex, b'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, jipprovdi faċilitajiet ta' finanzjament għal proġetti infrastrutturali speċjalment dawk b'dimensjoni soċjali (akkomodazzjoni affordabbli u l-edukazzjoni) kif ukoll proġetti għall-promozzjoni tal-klima u l-ambjent.

## 7.2 Ħidma mill-Borża ta' Malta

Matul din is-sena numru rekord ta' kumpaniji użaw is-servizz tal-Borża ta' Malta biex joħorġu Bonds jew ishma għall-pubbliku fuq is-suq. B'kollox, il-Borża ta' Malta din is-sena aċċettat ħamsa u għoxrin instrument finanzjarju ġdid fuq il-listi tagħha.

Is-sena d-dieħla l-Borża ta' Malta se tkun qed timplimenta inizjattivi ġodda biex tippromovi l-ħruġ tal-Green Bonds. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jinċentivaw investiment fi proġetti fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, riżorsi sostenibbli u enerġija nadifa.

F'Marzu li ġej, grazzi għall-kuntatti siewja li qed tagħmel il-Borża ta' Malta, il-Federazzjoni tal-Boroż Mondjali, sejra tagħmel il-konferenza tagħha fuq settur speċifiku tal-finanzi.

## 7.3 Is-Settur tas-Servizzi Finanzjarji

Sur President, il-qasam tas-Servizzi Finanzjarji huwa qasam importanti ferm għal pajjiżna u bħala Gvern se nkomplu naħdmu sabiex inkomplu nsaħħu dan is-settur li hu l-għajxien ewlieni t'għadd ta' familji Maltin u Għawdxin u naraw li jkompli joħloq impjiegi u opportunitajiet ġodda.

Matul l-2019, is-Servizzi Finanzjarji ġewwa pajjiżna komplew jissaħħu fuq l-istess linji tas-sena l-oħra u dan kollu seħħ minkejja l-bosta sfidi li dan is-settur kellu jiffaċċja, sfidi li ġejjin kemm minħabba żviluppi lokali imma ferm iktar minħabba dak li jkun qed jiġri fuq skala internazzjonali. Il-viżjoni tal-Gvern Malti tibqa' li nagħmlu minn Malta ġurisdizzjoni ewlenija mhux biss fuq livell reġjonali iżda wkoll fuq livell mondjali.

Dan is-settur qed inkomplu ntejbuh u nsaħħuh permezz ta' kunsilli konsultattivi għas-servizzi finanzjarji fejn il-Gvern flimkien mal-awtoritajiet regolatorji u l-istakeholders importanti oħra jkunu jistgħu jaħdmu b'mod strutturali flimkien fuq strateġiji tas-settur kif ukoll dak fiskali.

Barra minn dan, Sur President, qegħdin nesploraw niċeċ ekonomiċi ġodda f'dan il-qasam fosthom il-Fintech, li dwaru aktar kmieni din is-sena tnediet l-istrateġija għal dan il-qasam, kif ukoll oqsma bħal Regtech u Blockchain li dan il-Gvern qed joħloq ekosistema ideali biex dawn in-niċeċ jikbru.

## 7.4 Intelliġenza Artifiċjali, Cyber Security, Internet of Things

Konxji mill-potenzjal ta' dan is-settur innovattiv, rajna li ninvestu f'din l-industrija ta' Intelliġenza Artifiċjali sabiex nattiraw aktar talent u kumpaniji lejn Malta. Kien għalhekk li aktar kmieni din is-sena nedejna l-AI Taskforce fejn saret ħidma intensiva li waslet biex dan ix-xahar ġiet varata l-istrateġija għall-Intelliġenza Artifiċjali, pass li se jpoġġi lil Malta mal-aqwa għaxar pajjiżi fid-dinja bi strateġija għal dan is-settur emerġenti.

Fost l-oħrajn se nkunu qegħdin nagħmlu kampanja ta' informazzjoni edukattiva; nagħtu boroż ta' studju għall-istudenti li se jkunu qegħdin jistudjaw l-AI; inwaqqfu AI Innovation Hub; inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI fis-servizz pubbliku u kif ukoll naħdmu fuq roadmap għall-infrastruttura tat-teknoloġija.

Teknoloġija oħra li tikkumplimenta dik tal-Intelliġenza Artifiċjali, hija l-Internet of Things. Għal dan il-għan se nkunu qegħdin ninvestu sabiex isir proġett pilota li jaħdem b'din it-teknoloġija u se naraw li jilħaq lill-komunità.

Is-Sigurtà Diġitali hija ta' prijorità għal dan il-pajjiż. Cyber-attacks isiru kull ħin u kull mument u għalhekk kif jgħidu l-prevenzjoni hija aħjar mill-kura.

Għaldaqstant, irridu naraw li l-esperti tagħna jkunu mgħammra bl-aħħar teknoloġija u apparat għalhekk se nkunu qegħdin nallokaw fondi lill-MITA sabiex tkun tista' tagħmel dan u ssaħħaħ il-ħidma tagħha fis-Sigurtà Diġitali.

## 7.5 Strateġija Nazzjonali tal-Ispazju

Sur President, sabiex inkompli niddiversifikaw l-ekonomija tagħna, qegħdin ukoll inħarsu lejn il-qasam tal-Ispazju. F'Marzu ta' din is-sena, il-Gvern nieda l-qafas biex titfassal strateġija nazzjonali tal-ispazju. Aħna qed inħarsu lejn il-kummerċjalizzazzjoni ta' dan is-settur. Għalhekk l-għan huwa li jitħejja l-qafas leġiżlattiv sabiex kumpaniji li jaħdmu f'dan il-qasam jinvestu f'pajjiżna.

Se jkun qed jitfassal dokument konsultattiv għall-pubbliku biex iservi ta' bażi għall-istrateġija nazzjonali, liema strateġija tkopri wkoll l-aspett ta' riċerka u innovazzjoni.

### 7.6 Video Game Development u Esports

Wara li l-Gvern nieda l-viżjoni tiegħu dwar Strateġija Għall-Iżvilupp tal-Video Games u Esports f'pajjiżna, issa se jkunu qed jiġu varati miżuri li jgħinu sabiex nassistu lil dawn is-setturi ekonomiċi ġodda bħal tad-digital arts, games programming u produzzjoni tal-media. Dan sabiex nattiraw aktar kumpaniji sabiex jipproduċu l-logħob f'pajjiżna.

Fl-istess ħin se nkunu qegħdin nassiguraw li jsir investiment sabiex insaħħu l-korsijiet edukattivi relatati mal-ħiliet meħtieġa minn din l-industrija.  B'hekk ngħinu lill-istudenti u ż-żgħażagħ tagħna sabiex jispeċjalizzaw f'dan il-qasam u jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet ta' xogħol li joffri dan is-settur.

Is-settur tal-Esports huwa ħolqa oħra importanti fis-settur tal-video games u l-ekonomija diġitali ta' pajjiżna. Dan huwa settur innovattiv li qed jikber b'mod esponenzjali fuq livell internazzjonali u għalhekk pajjiżna għażel li jinvesti biex jgħin lil dan is-settur jikber. Is-settur tal-Esports barra li joħloq opportunitajiet ta' xogħol fil-produzzjonijiet diġitali u avvenimenti, jattira lejn Malta settur tat-turiżmu ġdid permezz ta' organizzar ta' kompetizzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

### 7.7 Is-Settur tal-Manifattura

Sur President, dan il-Gvern qed juri kemm tassew għandu fiduċja fin-negozju Malti u Għawdxi, bil-fatti. Xhieda ta' dan hu l-għajnuna li qed tingħata taħt l-iskema MicroInvest u li minnha bbenefikaw elf u sitt mitt (1,600) negozju; l-issoktar tax-xogħol fil-proġett tar-riġenerazzjoni tal-villaġġ tal-artiġjanat f'Ta' Qali; l-iskemi Business Start u Startup Finance, li huma mmirati biex jgħinu lil startups fejn minn meta daħlet din l-iskema, mija u erba' (104) startups gawdew minn din l-iskema, u t-twaqqif tal-Fondazzjoni Start-Up Malta (SUM) biex toffri aktar sostenn u servizzi effiċjenti għal dawk l-individwi li se jibdew negozju. Din l-iskema sejra terġa' tiġi estiża għas-sena d-dieħla.

### 7.8 Żoni Industrijali

Il-Malta Industrial Parks qed taħdem fuq Public Private Partnership f'diversi żoni industrijali madwar Malta sabiex tkun tista' takkomoda negozji żgħar fi clusters industrijali.

Sabiex isir użu siewi tal-bjut tal-fabbriki għall-installazzjoni ta' PV panels, se jkun qed jitnieda proġett pilota biex jiġi introdott il-kunċett ta' green infrastructure fiż-żoni industrijali u b'hekk ikompli jogħla l-livell tal-ambjent fejn jaħdmu l-ħaddiema Maltin. Dan l-istess kunċett ta' green infrastructure se jkun applikat fl-estensjoni tal-Life Sciences Park fejn il-preparamenti ta' din l-estensjoni se tkun qed tiġi finalizzata matul is-sena d-dieħla.

### 7.9 Żona Sportiva u tal-Intrapriża fil-Marsa

Matul is-sena d-dieħla se joħorġu s-sejħiet pubbliċi għat-tindif, bi proċess magħruf bħala 'land mining', sabiex il-miżbla antika

tal-Marsa, tinbidel f'żona industrijali ġdida, żona għall-isport, kif ukoll żona ta' rikreazzjoni, u dan mingħajr ma tintmess art verġni. Huwa mistenni li dan il-proċess innovattiv għal pajjiżna ser jippromwovi wkoll industrija ċirkolari ġdida, fejn b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta l-iskart u r-radam mill-bini se jiġi rkuprat sabiex jerġa' jintuża mill-ġdid.

## 7.10 Għajnuna favur l-integrazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol

Għas-sena d-dieħla, il-Malta Enterprise, se tvara skema li permezz tagħha tgħin lin-negozji li jħaddmu persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Dawn l-azjendi se jingħataw grant fuq spejjeż relatati ma' investiment li mhumiex ikkunsidrati bħala parti mill-obbligi legali. Eżempju ta' dan it-tip ta' spiża hi dik relatata ma' għajnuna ta' professjonisti li jiffaċilitaw il-proċess ta' integrazzjoni fuq il-post tax-xogħol ta' dawn il-persuni.

## 7.11 Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd

Minkejja l-isfidi li għandhom, is-setturi tal-Agrikultura u tas-Sajd, huma parti importanti mill-ekonomija tal-pajjiż u t-tisħiħ tagħhom jikkontribwixxi wkoll għall-ħarsien ambjentali. Fuq kollox, il-biedja u s-sajd jassiguraw sigurtà fil-provvista tal-ikel b'mod li, jekk dawn is-setturi ma jkunux sostnuti, pajjiżna jiġi dipendenti għalkollox fuq l-importazzjoni minn pajjiżi barranin.

Wara li fix-xhur li għaddew erġajna waqqafna l-Extension Services fl-Agrikultura u ħadna passi sabiex ikun hemm Farm Advisory Service effettiv, issa huwa l-waqt li servizzi simili jiġu replikati wkoll fil-qasam tas-sajd. Fix-xhur li ġejjin se jkompli

r-ristrutturar fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura. L-għan tagħna hu li nassiguraw li l-obbligi regolatorji jitwettqu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti.

It-titjib fil-Hard Standing Facility f'Marsaxlokk, l-iżvilupp ta' Control Hub ċentrali fil-Marsa u l-iskema għar-restawr tad-dgħajjes sejjer ikompli jitwettaq.

Fil-qasam tal-agrikultura, se jitkompla x-xogħol ta' ristrutturar fil-Biċċerija Pubblika billi, fost l-oħrajn, jiġu introdotti teknoloġiji moderni li jużaw inqas enerġija u prattiċi li jikkonformaw b'mod sħiħ mal-istandards Ewropej.

Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b'investiment f'erba' laboratorji ewlenin, dak tal-Veterinarju Nazzjonali, il-Laboratorju għas-Saħħa tal-Pjanti, il-Laboratorju għall-Ittestjar tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija u t-twaqqif tal-ewwel Genebank Nazzjonali f'Malta.

Matul is-sena d-dieħla, se nlestu pjan ta' riġenerazzjoni u modernizzar tal-Pitkali.

Ir-razzett tal-Gvern fl-Għammieri se jinbidel f'Ċentru ta' Innovazzjoni u Riċerka Agrikola.

Fl-aħħar nett, fir-rebbiegħa tas-sena d-dieħla, se tittella' l-ewwel Fiera Agrikola Nazzjonali li matulha se nagħtu opportunità sabiex il-bdiewa, ir-raħħala u l-produtturi Maltin jesebixxu l-prodott tagħhom lill-iktar udjenza wiesgħa possibbli, mhux l-inqas dik internazzjonali.

### 7.12 Għajnuna lill-bdiewa u sajjieda Żgħażagħ full-time

Sur President, fil-qasam tal-agrikultura u s-sajd nemmnu li rridu ndaħħlu kultura ta' taħriġ u innovazzjoni biex naraw dan is-settur jikber bħal setturi oħrajn. Bl-iskemi eżistenti tal-Malta Enterprise, kumpaniji li joperaw fis-setturi tal-agrikultura u sajd jistgħu diġà japplikaw biex jirċievu fondi għal: taħriġ; għal riċerka u żvilupp u fil-każ tal-agrikultura – kumpaniji fis-settur agrikolu jistgħu japplikaw għal Investment Aid għal investimenti f'makkinarju u installazzjonijiet li jkunu iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Mis-sena d-dieħla se nkunu qed inkomplu noffru għajnuna lill-bdiewa u s-sajjieda.

Se ndaħħlu għajnuna ġdida li tħeġġeġ kumpaniji fl-oqsma tal-Agrikultura u s-Sajd biex ikunu iktar innovattivi taħt l-iskema 'Innovation Aid for SMEs'. Permezz tagħha bdiewa u sajjieda jkunu jistgħu jdaħħlu l-ispejjeż ta' paga ta' persuni kwalifikati fir-riċerka, żvilupp u innovazzjoni biex jaħdmu fuq attività ġdida fl-intrapriżi tagħhom. Kif ukoll inkunu qed inkopru spejjeż relatati ma' advisory u support services fil-qasam tal-innovazzjoni.

### 7.13 Turiżmu

Sur President, l-industrija tat-turiżmu qed tkompli tirreġistra riżultati tajbin li se jwassal biex din is-sena n-numru ta' turisti li jkunu żaru pajjiżna, ikun ta' madwar 2.7 miljun turist, li jfisser żieda ta' 4.5 fil-mija fuq l-2018, li diġà kienet sena rekord. Dan kollu mhux qed jiġri b'kumbinazzjoni imma hu riżultat ta' ħidma sfiqa bbażata fuq viżjoni li nkomplu nkabbru l-konnettività tagħna mal-bqija tad-dinja, intejbu l-prodott turistiku, niġbdu

lejna aktar business travel u konferenzi u li nagħmlu dik il-qabża fil-kwalità li tant hi meħtieġa.

Barra minn hekk, komplew jiġu rreġistrati wkoll żidiet fin-numru ta' ljieli li qattgħu t-turisti f'pajjiżna, kif ukoll fin-nefqa tagħhom. Komplejna wkoll niddiversifikaw is-swieq tagħna, fejn ġew introdotti mhux anqas minn dsatax-il rotta differenti, kemm fl-Ewropa u kif ukoll minn kontinenti mbiegħda.

Il-prospetti għas-sena d-dieħla huma wkoll inkoraġġanti u sejrin inkomplu b'kampanji u skemi ta' marketing, fosthom l-użu ta' marketing diġitali u t-teknoloġija 3D, ħalli dan is-suċċess ikompli għaddej b'dan ir-ritmu li qabad.

Għal dan il-għan, il-kalendarju estensiv ta' avvenimenti kulturali u popolari se jitkompla u jissaħħaħ matul is-sena d-dieħla.

Dawn l-iżviluppi jikkumplimentaw l-objettivi tal-viżjoni 2025 għat-turiżmu li qed tkun inkluża fl-istrateġija ġdida għat-Turiżmu li se nkunu qed invaraw matul is-sena d-dieħla.

Għal aktar dettalji ara Tabella 7.1

**Tabella 7.1: Strateġija Ġdida għat-Turiżmu**

| |
|---|
| Din l-istrateġija, fost l-objettivi, se jkollha li nattiraw aktar viżitaturi ta' kwalità u li jonfqu iżjed flus; li t-turiżmu jkompli jikber b'mod sostenibbli u mmaniġġjat tajjeb, filwaqt li nkomplu nnaqqsu l-istaġjonalità ta' pajjiżna mill-aspett turistiku; tiġi implimentata strateġija dwar il-konnettività tal-ajru ta' pajjiżna sabiex intejbu l-konnettività ta' pajjiżna f'kull żmien tas-sena; noħolqu iżjed niċeċ turistiċi f'pajjiżna biex nattiraw udjenzi ġodda; naċċertaw li pajjiżna jkollu r-riżorsi meħtieġa, speċjalment dawk umani, sabiex ikun jista' jkompli jtejjeb il-prodott u s-servizz turistiku offrut lit-turisti, inkluż l-użu l-akkomodazzjoni privata. |

## 7.14 Air Malta

Konxju mill-importanza tal-Air Malta għall-ekonomija ta' pajjiżna, dan il-Gvern se jkompli jagħmel minn kollox, fil-parametri permessibbli, biex jara li l-Air Malta tkompli tikber u tissaħħaħ.

Se jitkompla l-proċess ta' tibdil tal-flotta ta' ajruplani f'oħrajn li huma moderni, aktar effiċjenti u li fuq kollox iniġġsu anqas. Dan il-proċess ta' tiġdid hu mifrux fuq medda ta' ħames snin.

L-objettiv tal-Gvern għal din il-kumpanija hu dak li l-Air Malta tkompli ttejjeb is-servizz tagħha, iżżid l-operat tagħha fl-ajruporti maġġuri madwar l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, filwaqt li fiż-żmien tibda topera wkoll ċertu rotot medium u long haul.

## 7.15 Avjazzjoni

L-industrija tal-avjazzjoni huwa settur ieħor li qed jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi f'Malta. Dan huwa settur dinamiku ferm u li jrid jevolvi kontinwament. Għaldaqstant, il-Gvern huwa kommess li jkompli jkabbar dan is-settur fosthom bl-iżvilupp ta' setturi ġodda bħal dak tad-drones. Matul din is-sena, il-Ministeru għat-Turiżmu kien qed jaġġorna l-politika tal-avjazzjoni. Din il-politika hija akkumpanjata minn Master Plan għall-ajruport bl-iskop li jiżdiedu l-effiċjenzi fir-rispett sħiħ tal-komunitajiet tal-madwar.

Barra minn hekk, il-Malta Air Traffic Services se tkompli tinvesti f'sistemi ġodda tal-aħħar teknoloġija għall-immaniġġjar tat-traffiku flimkien mat-tkabbir tar-runway u t-taxiways. Se

jitkompla wkoll ix-xogħol preparatorju għal bini ta' Air Traffic Control Centre ġdid.

Fl-istess waqt, se nkunu qed naħdmu biex naraw kif niżviluppaw niċċa ġdida ta' attività ekonomika fis-settur tad-Drones (Remotely Piloted Aircraft Systems) li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla madwar id-dinja. Malta għandha l-potenzjal li tattira kumpaniji barranin għal skopijiet ta' riċerka u esperimentazzjoni ta' teknoloġiji innovativi u taħriġ f'dan il-qasam ġdid.

## 7.16 Qasam Marittimu

L-industrija tal-Cruise Lines qed tesperjenza tkabbir fenominali f'pajjiżna, bi tkabbir ta' aktar minn ħamsa u sebgħin fil-mija f'dawn l-aħħar sitt snin. Il-Port il-Kbir huwa wieħed mill-aktar portijiet imfittxija fil-Mediterran bħala port of call, fejn vapur bil-passiġġieri u l-crew idum f'Malta għal medja ta' tmien sigħat.

Wara li din is-sena Valletta Cruise Port se tkun qiegħda tilqa' numru rekord ieħor ta' passiġġieri, is-sena d-dieħla tidher li se tkun waħda pożittiva wkoll. Għalhekk, biex inkomplu ntejbu l-faċilitajiet, il-Gvern għaddej f'diskussjonijiet mal-Valletta Cruise Port sabiex isiru l-upgrades li hemm bżonn f'Pinto 4 u 5 u anke fil-faċilitajiet tal-landings ta' Lascaris.

## 7.17 Miżuri dwar tnaqqis ta' burokrazija għall-intrapriżi

Il-Gvern qiegħed kontinwament jinvesti u jissimplifika proċessi amministrattivi biex titnaqqas il-burokrazija. Dan se jkompli jsir billi jiġi ffaċilitat il-mod kif isir in-negozju f'Malta.

Wara li matul l-aħħar sena, bl-għajnuna tal-Bank Dinji, sar studju biex jidentifika bottlenecks li għadhom jeżistu fis-sistemi tagħna għall-intrapriżi, issa jmiss li permezz ta' Malta Enterprise, nimxu fuq pjan ta' implimentazzjoni ta' dan l-istudju sabiex jitħaffu l-proċessi skont il-kriterji ssettjati mill-Bank Dinji.

Barra minn hekk, se jiġi varat Business Portal interattiv, li se juża l-aktar teknoloġija moderna biex jinkisbu effiċjenzi kemm għas-settur pubbliku u anke dak privat.

### 7.18 Inkomplu ninvestu f'Għawdex

Sur President, dan il-Gvern tassew jemmen f'Għawdex u infatti matul din is-sena ksibna riżultati tajbin ħafna li rridu nibnu fuqhom. Minn benefiċjarju, Għawdex sar kontributur ekonomiku billi rajna tkabbir ekonomiku proporzjonalment ikbar minn dak f'Malta. Dan huwa mistenni li jkompli jiżdied matul is-sena d-dieħla permezz tal-miżuri li għandna f'dan il-baġit.

Għawdex reġa' ra investiment barrani ġdid mal-Microsoft u man-Noovle premium partner tal-Google. Infetħu wkoll uffiċċji tal-MCCA u l-MFSA.

Qed jiġi estiż il-back office tad-Dipartiment tat-Taxxa.

Dan wassal biex tabilħaqq jinħoloq xogħol f'Għawdex u rajna aktar ħaddiema Għawdxin li kienu jaħdmu Malta, jibdew jaħdmu f Għawdex.

Il-Gozo Employment Scheme bdiet tagħti l-frott meħtieġ billi attirat kumpaniji privati Maltin li jiftħu l-uffiċini tagħhom f'Għawdex.

Matul is-sena d-dieħla, barra li nkomplu noħolqu l-impjiegi se nkomplu naraw jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jonqos il-pay gap bejn Malta u Għawdex.

Qed naraw ukoll l-Awtorità Reġjonali għal Għawdex issir realtà. Dan huwa pass kuraġġjuż li qed jagħmel dan il-Gvern biex Għawdex stess jassigura li l-bżonnijiet ta' żvilupp f'Għawdex jiġu indirizzati. Bis-saħħa tal-liġi, l-Awtorità tara li l-karattru u s-sbuħija ta' Għawdex ikunu dejjem imħarsa.

### 7.19 Inċentiv għall-ħolqien ta' impjiegi f'Għawdex

Sur President, dan il-Gvern se jkun qed jara li f'Għawdex ukoll jattira niċeċ ġodda tal-attività ekonomika tiegħu.

Din is-sena introduċejna l-Film Fund biex f'Għawdex isiru produzzjonijiet ċinematografiċi. Għas-sena d-dieħla ħloqna fond ġdid biex naraw lil Għawdex bħala destinazzjoni għall-konferenzi għal Meetings, Incentives, Conferences and Events.

Permezz tal-Gozo Business Scheme, il-Gvern se jkompli jinċentiva lis-settur privat, billi se ntejbu l-iStartup tax credit għal negozji ġodda miftuħa f'Għawdex.

Se nkunu qed nagħtu inċentivi fiskali, fost l-oħrajn fuq spejjeż ta' traslokar, lil dawk il-kumpaniji li jirrilokaw l-operat tagħhom

lejn Għawdex kif ukoll għal dawk il-kumpaniji li joħolqu impjiegi ġodda fil-qasam ta' teleworking u back office minn Għawdex.

Aktar dettalji ta' kif se titħaddem din l-inċentiva, jingħataw iktar 'il quddiem.

Wara s-suċċess tal-pakkett li daħħalna s-sena l-oħra għall-ħaddiema u studenti Għawdxin li jaħdmu u jistudjaw f'Malta, is-sena d-dieħla se nkomplu nestenduh. Barra l-benefiċċju għal kiri t'akkomodazzjoni, li qed jingħata għall-istudenti Għawdxin li qed jistudjaw u jgħixu f'Malta, se jkompli jiġi msaħħaħ bil-proġett tal-hostel f'Villa Lauri.

### 7.20 Il-Konnettività

Il-konnettività kienet, għadha u tibqa' prijorità ewlenija sabiex tindirizza d-diffikultajiet li l-insularità ġġib magħha.

Matul din is-sena, tajna prova ċara li din id-diffikultà rridu nindirizzawha b'diversi mezzi. Il-Gozo Channel qed timplimenta strateġija biex mhux biss ittejjeb l-operat tagħha u tkun aktar effiċjenti, iżda fuq kollox, toffri servizz li jindirizza l-esiġenzi tar-realtajiet preżenti u futuri tal-klijenti tagħha.

L-introduzzjoni tar-raba' vapur li ngħaqad mal-flotta tal-Gozo Channel, dan is-sajf, kien proġett pilota li rnexxa. Bl-introduzzjoni tar-raba' vapur, ġew eliminati l-kjus u t-tgergir li kien ikun hemm, kemm fl-Imġarr, kif ukoll fiċ-Ċirkewwa. Dan għaliex il-ħin sħiħ tat-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer naqas b'mod drastiku.

Il-Gozo Channel tgħallmet minn din l-esperjenza u issa tinsab f'pożizzjoni ferm aħjar biex tagħmel l-investiment meħieġ biex ikollha r-raba' vapur. Bħalissa qed isiru l-preparamenti sabiex jitfasslu r-rekwiżiti li r-raba' għandu jkollu. Wara dan il-proċess, jibda l-proċess tat-tendering.

Però l-Gozo Channel qed tinvesti f'sistema elettronika tal-biljetti biex timmodernizza din il-parti importanti tal-operazzjoni tagħha filwaqt li ttejjeb il-kontrolli.

Se jibqa' għaddej ix-xogħol biex jiġi introdott is-servizz tal-fast ferry.

Il-konnettività se tkompli titjieb ukoll bl-installazzjoni tat-tieni optic fibre, liema proġett issa qiegħed fi stadju ferm avvanzat.

### 7.21 Il-mina bejn Malta u Għawdex

Il-Gvern huwa determinat li jwettaq il-ħolma tal-Għawdxin li jkollhom konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex, konnessjoni li tiftaħ il-gżira Għawdxija għal ħafna opportunitajiet ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, konnessjoni li twaqqaf l-eżodu taż-żgħażagħ Għawdxin minn Għawdex. L-istudji għall-proġett tal-mina bejn il-gżejjer li qed iwettqu diversi esperti minn oqsma differenti se jkomplu jiġu konklużi fix-xhur li ġejjin. Fost dawn, hemm id-disinji preliminari tal-mina u l-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali ta' dan l-investiment.

Wara li f'Diċembru li għadda ħarġet il-pre-information notice fil-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, Infrastructure Malta

għaddejja bl-aħħar preparamenti biex fil-ġimgħat li ġejjin se jiġi ppubblikat il-pre-qualification questionnaire li fih se jkollu t-tagħrif tekniku kollu meħtieġ biex investituri/kuntratturi prospettivi jikkonfermaw li għandhom il-ħiliet u kapaċità biex iwettqu l-proġett.

Aktar dettalji dwar dan il-proġett jitħabbru dalwaqt.

### 7.22 Aktar proġetti

Sur President, kuntrarju għall-kritika li tintqal, Għawdex qatt ma ra investiment daqshekk qawwi fejn jidħol l-infrastruttura tat-toroq. Mhux biss, iżda qed nibnu mill-ġdid, toroq arterjali li kienu nbew mingħajr ma sar l-ebda studju tat-terran u ta' malajr. Dan qed iwassal biex qed jisfrondaw dawn it-toroq.

Bi pjan għaqli, qed nerġgħu nibnu, kif tiddetta s-sengħa, dawn it-toroq.

U matul is-sena d-dieħla, se nkunu qed nibdew ix-xogħlijiet fuq Triq l-Imġarr, li min-Nadur tibqa' nieżla għall-port, u t-triq li mir-Rabat twasslek għal Marsalforn.

L-investiment li qed isir f'Għawdex u li se jkompli jsir matul is-sena d-dieħla, hu bla preċedent.

Fi ftit ġimgħat oħra, se jiġu inawgurati kemm ir-Research and Innovation Hub ġewwa x-Xewkija u l-Barts Medical School.

Matul is-sena d-dieħla, se jkunu qed jitlestew numru ta' proġetti li għaddej ix-xogħol fuqhom. Fost dawn, irrid insemmi ċ-Ċentru l-ġdid tas-Saħħa, id-dar għal residenti anzjani – Dar San Ġużepp, u għall-intraprendituri żgħar, se jitlesta l-proġett fiż-żona magħrufa bħala tal-Ħofra minn fejn se jkollhom siti minn fejn iwettqu l-attività ekonomika tagħhom.

Is-sena d-dieħla se jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' Park and Ride, li se tinbena ħdejn il-korsa tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel u jitkompla l-proġett tal-Għajnsielem Hub.

Se nkunu qed inwettqu wkoll il-maġġoranza tal-fażijiet tal-masterplans li jirrigwardjaw it-tisbiħ tal-bajjiet ta' Marsalforn u x-Xlendi, dan biex inkomplu ntejbu u nsebbħu ż-żoni turistiċi f'Għawdex. Il-proġett ta' Marsalforn se jkun jinkorpora wkoll il-bini ta' breakwater, proġett li l-Għawdxin ilhom snin jiġi mwiegħed lilhom u li issa se jkun qed jitwettaq.

Barra li se nkunu qed inlestu Pjazza San Franġisk u l-Pjazza ġewwa Sannat, matul is-sena d-dieħla, se nkunu qed nibdew xogħlijiet ta' tisbiħ fuq pjazez ewlenin fi rħula oħra.

Barra dawn it-toroq arterjali, sejrin inkomplu x-xogħol fuq tlieta u tletin triq li qed isir xogħol fuqhom u nibdew ix-xogħol fuq ħdax-il triq oħra.

Sur President, irrid ngħid li dan l-investiment fuq l-infrastruttura tat-toroq ġewwa Għawdex, għas-sena d-dieħla biss, se jlaħħaq l-għaxar miljun ewro. Dan hu investiment bla preċedent għal Għawdex.

Però l-investiment fuq l-infrastruttura ġewwa Għawdex tmur oltre mit-toroq. Bi spiża ta' madwar 11-il miljun ewro oħra, beda wkoll ix-xogħol ta' restawr f'binja eżistenti tal-Korporazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, fejn Għawdex se jkollu l-ewwel reverse osmosis bi produzzjoni ta' disa' miljun litru ilma kuljum. Permezz ta' din ir-reverse osmosis, se nkunu qed nissalvagwardjaw l-ilma tal-pjan filwaqt li Għawdex mhux se jibqa' dipendenti fuq is-submarine pipeline eżistenti li bħalissa jintuża biex jittella' l-ilma mir-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa.

Matul is-sena d-dieħla, sejrin inkomplu ninvestu f'diversi greening measures, smart parking u l-bdil tal-vetturi tal-Gvern għal dawk elettriċi biex inkomplu nimplimentaw id-Decarbonisation Strategy taħt l-Eko Għawdex.

Wara l-investiment li għamilna fir-rijabilitazzjoni tal-widien u titjib tal-infrastruttura rurali, u r-restawr li sar fuq iċ-Ċittadella, is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew ir-restawr ta' Għar Gerduf u tal-Akwedotti.

Il-wirt naturali u rurali huwa komponent essenzjali biex Għawdex jibqa' uniku u distint. Se nkomplu ninvestu biex Għawdex tkun tassew gżira ekoloġika.

### 7.23 Il-Wirt Kulturali Għawdxi

Il-miżura tal-Festivals tematiċi se jitkomplew fejn qegħdin naraw li f'Għawdex l-attività għaddejja l-ħin kollu. Dawn l-attivitajiet, wasslu biex għelbet l-isfida tal-istaġjonalità u qed ikun hemm żieda sostanzjali fit-turiżmu meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Il-Ministeru għal Għawdex, flimkien mal-għaqdiet volontarji u kulturali li hemm ġewwa Għawdex, se jkunu qed jaraw li joħolqu programm kulturali u attivitajiet varji li jibqgħu jattiraw it-turist intern u mhux lejn il-Gżira t'Għawdex tul is-sena kollha.

# 8. GĦAL ĦAJJA AKTAR SIGURA U SERENA

## 8.1 Titkompla r-Riforma fil-Qasam tal-Ġustizzja

Sur President, il-qasam tal-ġustizzja huwa kruċjali għat-tħaddim tas-saltna tad-dritt. Diġà saru tibdiliet kbar fl-aħħar snin u se nkomplu għaddejjin b'aġenda riformista. Din ir-riforma qed tagħti l-frott, biżżejjed insemmi li fejn jidħol kawżi pendenti, minn sitta u għoxrin elf, sitt mija u ħamsin (26,650) każ fis-sena 2012, dawn issa waqgħu għal tnejn u għoxrin elf, ħames mija u għaxra (22,510) fl-aħħar 6 snin.

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu nimplimentaw is-separazzjoni tal-funzjonijiet dupplići li kellu l-Avukat Ġenerali. Wara li l-Parlament approva liġi li stabilixxiet l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat li jaġixxi bħala konsulent legali għall-Gvern, il-pass li jmiss huwa li gradwalment l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jassumi iktar funzjonijiet prosekutorjali skont l-aħjar prattiċi Ewropej.

Filwaqt li ġie rreġistrat progress sostanzjali fl-eżekuzzjoni ta' rkupru ta' assi, kemm lokalment kif ukoll permezz ta' cross-border cooperation, sejrin insaħħu l-Asset Recovery Bureau, billi jkollna sistemi moderni li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-assi kriminali kif ukoll l-iffriżar, l-ikkonfiskar u trasferiment tagħhom, filwaqt li l-valur ta' dawn l-assi kriminali jiġi trasferit favur il-Gvern. Se jibda wkoll il-bini ta' binja speċjalizzata, li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall-preservazzjoni ta' assi konfiskati.

Sejrin inkomplu naħdmu biex nisfruttaw u ndaħħlu aktar teknoloġija diġitali fis-sistema tal-Ġustizzja f'Malta. Dan għandu

jwassal biex il-ġustizzja tiġi servuta f'inqas ħin u b'iktar speditezza. Barra minn hekk, se nkomplu nippromwovu l-Medjazzjoni bħala soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, bil-għan li jitnaqqsu l-kawżi pendenti tal-qrati fejn hu possibbli.

Sabiex il-Korp tal-Pulizija jkun jista' jiffoka aktar fuq l-ordni pubblika u l-ġlieda kontra l-kriminalità, se nikkonkludu t-trasferiment tal-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali u l-Kondotta mingħand il-Pulizija għad-Direttorat tal-Ġustizzja.

### 8.2 Strateġija kontra Evażjoni Fiskali u l-Ħasil ta' Flus

Sur President, is-sena l-oħra fid-diskors tiegħi jien kont għidt li l-Gvern Malti se jkompli bl-impenn u l-ġlieda tiegħu kontra l-evażjoni u l-iskansar mit-taxxa. Illum irrid insemmi li dan qed isir u xhieda ta' dan huwa r-rapport li għadu kif ħareġ ftit tal-ġimgħat ilu mid-Direttorat tal-Kummissjoni responsabbli fuq affarijiet relatati mat-taxxa, it-TAXUD, fejn semma' kif fejn jidħol ġbir ta' VAT, Malta hi r-raba' pajjiż mill-Istati Membri fejn hemm l-inqas evażjoni ta' din it-taxxa. Mhux hekk biss, iżda l-istess rapport, isemmi li Malta rnexxielha tnaqqas l-evażjoni fiskali bi tmien punti perċentwali f'sena waħda.

Dan hu riżultat ċar tal-impenn ta' Malta li jiġġieled l-evażjoni fiskali. U dan se nkompli nagħmluh, grazzi għall-investiment teknoloġiku u l-kollaborazzjoni li żdiedet bejn l-entitajiet regolatorji, superviżorji u ta' infurzar ġewwa pajjiżna.

Tul din l-aħħar sena bdiet tiġi mwettqa l-Istrateġija ta' Pjan t'Azzjoni, fejn kienu ġew identifikati ħamsa u erbgħin azzjoni li

jridu jitwettqu fuq medda ta' tliet snin fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Bi pjaċir irrid inħabbar li tletin fil-mija ta' dawn l-azzjonijiet diġà ġew imwettqa.

Sur President, xahar ilu ġie ppubblikat uffiċjalment ir-rapport tal-MoneyVal. Dan ir-rapport, jelenka tmienja u ħamsin rakkomandazzjoni t'azzjoni li jekk Malta timplimenta, tkun qed tkompli ssaħħaħ u jagħmlu aktar effettivi l-awtoritajiet kompetenti tagħna fejn jidħol il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Il-Gvern irid li kull entità f'Malta tkun aktar effettiva fil-qadi ta' dmirijietha. Kien għalhekk li aħna lqajna r-rapport tal-MoneyVal u għamilna pjan dettaljat ta' kif l-istituzzjonijiet tagħna sejrin jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li ssemmew.

Taħt il-kordinament tan-National Coordination Committee, diġà sar pjan dettaljat ta' dawn l-azzjonijiet jiġu mwettqa minn għoxrin awtorità kompetenti li b'xi mod huma involuti f'din l-isfida, li qed tolqot lil kull pajjiż.

Parti minn dan it-tisħiħ tal-awtoritajiet kompetenti semmejt it-twaqqif ta' Aġenzija ġdida, li se tkun magħrufa bħala l-Financial Organised Crimes Agency. Din l-Aġenzija se tkun qed tikkumplimenta l-Economic Crimes Unit li jinsab taħt il-Korp tal-Pulizija. Strutturi bħal dawn jinsabu f'pajjiżi madwar id-dinja u fil-fatt, fir-riorganizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tagħna qed ikollna l-għajnuna ta' awtoritajiet ta' pajjiżi oħra, fosthom ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Matul din is-sena, l-MFSA u l-FIAU ħadu diversi inizjattivi u riformi sabiex isaħħu l-operat tagħhom u jkunu iktar effettivi fil-ġlieda

kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Dawn ir-riformi wkoll jinkludu tisħiħ fil-poteri legali u l-proċessi ta' infurzar.

Dan qed ikompli jgħin fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MONEYVAL.

## 8.3 Kontrol tal-Użu ta' Flus Kontanti

Il-pass li jmiss hu li nindirizzaw u nikkontrollaw l-użu ta' flus kontanti fix-xiri ta' oġġetti ta' valur. Malta hija fost il-ftit pajjiżi li għad hemm l-użanza li jsir ħafna xiri bl-użu ta' flus kontanti. Ħafna drabi, dan hu sintomu ta' evażjoni ta' taxxa. Dan l-abbuż irridu nnaqqsuh sabiex ikollna aktar soċjetà u negozju ġust.

Għalhekk, mis-sena d-dieħla, fejn jidħol xiri ta' propjetà, karozzi, dgħajjes u jottijiet, djamanti, ħaġar prezzjuż u oġġetti ta' arti, mhux se jkunu aktar possibbli li jsir ħlas fi flus kontanti li jaqbeż l-għaxar t'elef ewro (€10,000).

## 8.4 Aktar investiment fid-Dwana

F'dawn l-aħħar snin, id-Dipartiment tad-Dwana investa bil-qawwi f'apparat sofistikat ta' kontrolli li qed iwassal għal sorveljanza kontinwa fuq il-fruntiera kemm għall-Gżejjer tagħna kif ukoll għall-Unjoni Ewropea, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna. Dan l-investiment qed iwassal għal riżultati ferm pożittivi li qed tagħmel Malta kontra l-ħasil tal-flus u iffinanzjar tat-terroriżmu u qed jgħin biex ikun hawn aktar kompetizzjoni ġusta fin-negozju.

Is-sena d-dieħla, se jitkompla mhux biss it-taħriġ professjonali u l-ingaġġ tar-riżors uman, iżda se jkun hemm investiment f'xiri

ta' x-ray tunnel van u żewġ magni għal scanning tal-bagalji, u fl-istess waqt se jitkompla l-proċess li l-operazzjonijiet ta' scanning li jitwettqu fil-Freeport ikunu replikati fil-Port il-Kbir.

## 8.5 Il-Forzi Armati ta' Malta

Il-Gvern hu konxju tal-obbligi tiegħu li jassigura sigurtà u liċ-ċittadini tiegħu waqt diżastri naturali jew oħrajn ikkaġunati mill-bniedem; inaqqas il-kriminalità filwaqt li jissorvelja u jipproteġi l-fruntieri tal-pajjiż.  Fejn jidħlu obbligi umanitarji, skont kemm ikun jiflaħ il-pajjiż, jara li joffri wens u sostenn fil-qasam tal-migrazzjoni kif ukoll li jħaddan ġustizzja riparatriċi fil-prattika.

Biex dan jitwettaq se jitkompla l-proċess ta' immodernizzar tal-Forzi Armati ta' Malta (FAM) fejn hemm it-tkomplija tal-proġett tax-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida, mibnija skont speċifikazzjonijiet tal-Armata stess; investiment f'xiri ta' tagħmir sofistikat għall-Ispecial Operations Unit  u numru ta' proġetti infrastrutturali li jinkludu kemm it-tkomplija ta' xogħlijiet strutturali fuq binjiet użati ta' kuljum kif ukoll manutenzjoni ta' binjiet u propjetajiet oħra.

Biex tibqa' rilevanti u aġġornata, l-FAM se tkompli bl-impenn tagħha li jiġu mtejba l-opportunitajiet ta' taħriġ għal kull membru tal-Armata.  Dan se jsir billi tissaħħaħ il-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet edukattivi bħall-MCAST, l-ITS u l-Università ta' Malta kif ukoll mad-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei.  Se titkompla l-ħidma man-National Commission for Further and Higher Education biex il-korsijiet li jiġu offruti internament jiġu akkreditati u b'hekk il-membri jkollhom ċertifikati rikonoxxuti barra mill-Armata.  Taħriġ bażiku u militari jibqa' jsir lis-suldati u

rekluti kemm f'Malta u anke barra minn xtutna filwaqt li korsijiet speċjalizzati jkomplu jsiru anke f'akkademji militari rinomati madwar id-dinja.

Il-FAM se tibqa' attiva f'operazzjonijiet barra minn xtutna u dan jgħin mhux biss biex jgħolli l-livell tas-suldat Malti b'esperjenzi barranin imma anke b'turija ta' appoġġ għal operazzjonijiet taħt il-kappa tal-Unjoni Ewropea, tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Organisation for Security and Cooperation in Europe (OSCE). L-Armata se tibqa' tagħti s-sehem tagħha fl-operazzjoni Eunavfor Atlanta, Eunavformed OP Sophia u mal-Frontex.

## 8.6 Il-Korp tal-Pulizija

Biex il-Korp tal-Pulizija jkun jista' joffri l-aħjar sigurtà liċ-ċittadin u jiġġieled il-kriminalità, irid isir investiment kontinwu f'riżorsi umani, titjib fl-infrastruttura, xiri ta' apparat modern u taħriġ kontinwu lill-membri tiegħu. Għas-sena 2020, se jitkompla l-investiment f'apparat ġdid u modern u vetturi ġodda kemm għall-RIU u anke għall-SIU; jitkompla l-immodernizzar tal-flotta ta' muturi għat-Taqsima tat-Traffiku; jibda l-bini tal-għassa ġdida f'Marsaskala filwaqt li se jibda x-xogħol fuq l-ewwel hub reġjonali f'sit li se jkun qed jaqdi wkoll il-ħtiġijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u mistenni jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-Command and Control Room.

Bil-għan li l-Korp tal-Pulizija jsaħħaħ ħidmietu kontra r-reati ekonomiċi, sal-bidu tas-sena d-dieħla, id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet f'dawn ir-reati se jkun qed jopera minn binja moderna u li taqdi l-ħtiġijiet ta' dan id-Dipartiment li l-Gvern hu kommess li jibqa' jsaħħaħ fiż-żmien li ġej. Għandu jitkompla

l-ingaġġ ta' aktar professjonisti f'diversi oqsma fosthom sabiex jassistu fl-analiżi ta' reati moderni u kumplessi bħal dawk ekonomiċi u cyber crime.

Matul is-sena d-dieħla, se jinbnew uffiċini ġodda għat-Taqsima tal-Prosekuzzjoni fi ħdan il-Korp. L-għan huwa li l-Korp ikollu tim ta' prosekuturi li xogħolhom ikun li jipprosekwixxu l-każijiet fil-Qorti mingħajr ma jkunu parti mill-investigazzjonijiet u dan skont anke rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja. Dan għandu jwassal biex investigaturi jqattgħu ferm anqas ħin fil-Qrati u jiddedikaw aktar ħin għal investigazzjonijiet.

## 8.7 Tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għaddej minn trasformazzjoni kbira u ġie mfassal programm fuq seba' snin biex dan id-Dipartiment jilħaq standards internazzjonali biex tkun tista' tlaħħaq mad-domanda mal-obbligi li qed jiżdiedu. Il-Pjan iħares lejn il-bżonnijiet tar-riżorsi umani, bini ta' stazzjonijiet ġodda li jkun antisiżmiċi kif ukoll ix-xiri ta' vetturi moderni mgħammrin bl-aħħar teknoloġija u dan sabiex jilqa' għad-domanda tal-bini għoli, aktar għarfien ta' sigurtà kontra n-nirien, flotta ġdida marittima biex tilqa' għal nirien fuq bċejjeċ tal-baħar, bowżers kbar tal-ilma biex innaqqsu minn fuq id-dipendenza fuq operaturi privati biex jipprovdu l-ilma, sistema ġdida tal-eDisaster Management System (eDMS) ġewwa l-Control Room biex tiffaċilta r-Response Time u Training Grounds.

Dan kollu jirrikjedi investiment akbar mifrux fuq numru ta' snin però hu investiment bżonjuż biex il-faċilitajiet tal-Protezzjoni

Ċivili jservu għat-tletin sena li ġejjin waqt li tiġi mħarsa b'mod aktar adegwat is-sigurtà taċ-ċittadin.

## 8.8 Aktar titjib fil-Faċilitajiet Korrettivi

Matul din is-sena sar investiment fil-Faċilitajiet Korrettivi fejn jidħol il-qasam tas-sigurtà permezz ta' installazzjoni ta' CCTV cameras, X-ray machines u body scanners. Matul l-2020 se jitkompla dan il-programm ta' refurbishment mal-Faċilità kif ukoll fit-Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Karmeli, liema xogħol isir mill-priġuniera nfushom u ta' dan jitħallsu.

Se titkompla tissaħħaħ is-sigurtà kif ukoll se jinxtraw aktar vetturi biex jiffaċilita t-trasport tal-priġunieri lejn sptar, Qorti jew f'postijiet oħra fejn ikun meħtieġ u anke sabiex tiġi mmodernizzata l-flotta.

Matul din is-sena, sar proġett pilota biex priġunieri li se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-electronic tagging, kif isir f'pajjiżi Ewropej. Is-sena d-dieħla sejrin inkomplu nestendu dan l-electronic tagging għal aktar priġunieri.

Se jitkompla t-taħriġ fil-unit tal-K9 biex titkompla l-ġlieda kontra d-droga fil-Faċilità. Se jitkompla wkoll it-tisħiħ tal-prison industry fejn permezz tal-iskema Bridging the Gap tal-Jobsplus, numru akbar ta' priġuniera qed jirnexxilhom isibu impjieg biex b'hekk ikollhom għajxien xieraq malli jiskontaw is-sentenza u l-familja tagħhom ma tbatix.

Fejn jidħol il-Probation u Parole, se jkompli l-konsolidazzjoni tal-inizjattivi kollha li ttieħdu matul is-snin preċedenti. Barra minn hekk, se tissaħħaħ is-Psychology Unit u jiġu introdotti aktar programmi bil-għan li jonqos ir-riċediviżmu. Se tingħata importanza biex isir taħriġ speċjalizzat lill-ħaddiema ta' dan id-Dipartiment li għandu jwassal għal programm ġdid iffukat għal Young Offenders.

## 8.9 Immigrazzjoni Illegali

L-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati flimkien mal-Aġenzija għall-Ħarsien ta' dawk li Jfittxu l-Ażil (AWAS) se jkomplu jaħdem b'mod attiv sabiex jipproċessa t-talbiet dejjem jiżdiedu minn barranin li jitolbu l-ażil, filwaqt li tiġi studjata l-introduzzjoni ta' Information Service Unit li jkun magħmul minn tim ta' professjonisti li jkunu jistgħu jagħtu informazzjoni u għajnuna lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-Ażil biex b'hekk ikunu jistgħu jintegraw aħjar fis-soċjetà Maltija. Dan it-tim ikun jista' jagħti wkoll informazzjoni fejn jidħol l-Assisted Voluntary Return fejn immigranti jiġu megħjuna jirritornaw lura pajjiżhom bl-għajnuna tal-Gvern u l-NGOs.

Aktar dettalji dwar din il-ħidma qegħdin jingħataw f'Tabella 8.1.

**Tabella 8.1: Ħidma dwar l-Immigrazzjoni Illegali**

**1. Direttorat tad-Difiża**

Permezz tad-Direttorat tad-Difiża, Malta se tkompli ssegwi l-iżviluppi fil-Mediterran, fil-qasam tad-Difiża tal-UE, fl-ambitu taż-żamma tal-paċi tal-Ġnus Magħquda, OSCE, NATO u d-Diplomatic Clearances. Dwar il-Faċilità ta' Paċi Ewropea (EPF), id-Direttorat se jsegwi kif se tiżviluppa u tiġi ttrattata din il-Faċilità mill-pajjiżi membri u l-konklużjonijiet li finalment se jintlaħqu. Il-ħsieb li tinħoloq din il-Faċilità huwa essenzjalment biex titħares is-sigurtà fl-Ewropa, jitbiegħdu l-konflitti u tissaħħaħ il-paċi dinjija.

**2. Akkademja tal-Integrazzjoni**

Fl-istess waqt, se nkomplu l-ħidma biex titwaqqaf l-Akkademja tal-Integrazzjoni, li se toffri servizzi lil dawk li jkunu obbligati li jsegwu programm ta' integrazzjoni. B'hekk inkomplu nixprunaw l-ugwaljanza u d-diversità f'soċjetà interkulturali, it-tisħiħ tad-drittijiet u d-dmirijiet kemm tas-soċjetà Maltija kif ukoll ta' min għadu qed jasal fostna, kif ukoll tal-kompetenzi li huma meħtieġa biex kulħadd jirnexxi flimkien.

## 8.10 Ċittadinanza

Il-Gvern għamel konsultazzjoni pubblika dwar il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment, bil-għan li dan ikompli jittejjeb fil-futur. Il-programm jiswa ta' ġid għall-ekonomija Maltija u huwa simili għal dak li jagħmlu pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea u f'reġjuni oħra.

Madanakollu, kuntrarju għal dak li jaħsbu wħud, il-Gvern iġemma' l-parti kbira minn dawn il-fondi biex jiġu investiti għall-futur mill-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Barra minn hekk, is-Surplus fiskali li jagħmel il-Gvern isir, anki meta wieħed ineħħi l-flus li ġejjin minn dan il-Programm, li hija prova tas-sostenibbilità tal-mudell ekonomiku li qed jadotta l-Gvern.

## 8.11 Kunsilli Lokali

Sur President, wara r-riforma li għamilna fejn jidħlu l-Kunsilli Lokali, issa jmiss li nniedu numru ta' inizjattivi biex insaħħu din ir-riforma. Għal dan il-għan, se nniedu Skema, li permezz tagħha, numru ta' persuni jiġu assenjati mal-Kunsilli Reġjonali sabiex jassistu lill-istess Kunsill Reġjonali biex jaqdu l-funzjonijiet ġodda tagħhom. Sejrin inkomplu bl-iskema li jiżdiedu aktar l-ismart bins imferrxa madwar il-Gżejjer.

## 8.12 Ugwaljanza u Drittijiet tal-Bniedem

Sur President, matul is-sena d-dieħla, se nwaqqfu l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza u dan skont il-prinċipji ta' Pariġi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni

ta’ Venezja. Din se tkun Kummissjoni indipendenti mill-Gvern u twieġeb lill-Parlament, b’aktar poteri sabiex tiġġieled kwalunkwe aġir diskriminattiv. Barra minn dan, permezz ta’ liġi li se nkunu qed ngħaddu dwar l-Ugwaljanza, l-ugwaljanza għal kulħadd u f’kull aspett se tkun jedd fundamentali tal-bniedem.

Sejrin nimplimentaw ukoll, l-ewwel strateġija u pjan t'azzjoni nazzjonali għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f’diversi setturi, fosthom fl-edukazzjoni, fis-saħħa u l-ġustizzja, xogħol u l-indipendenza finanzjarja, il-bilanċ bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u tal-familja u biex tassigura wkoll li jkollna aċċess u opportunitajiet indaqs għal pożizzjonijiet ta' awtorità għan-nisa u l-irġiel.

## 8.13 Inkomplu Riformi fejn jidħlu persuni vulnerabbli

L-interessi ta' persuni vulnerabbli, speċjalment dawk li jirrikorru għall-prostituzzjoni, hija prijorita' għall-Gvern. Qed titħejja wkoll strateġija Nazzjonali dwar it-traffikar uman, filwaqt li se jitkomplew riformi f'oqsma bħal vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Dettalji dwar dawn ir-riformi qed jingħataw f'Tabella 8.2.

**Tabella 8.2: Riformi fejn jidħlu Persuni Vulnerabbli**

**1. Nies vulnerabbli li jirrikorru għall-prostituzzjoni**

Se nniedu servizz professjonali, f'forma ta' exit programme, għal dawk il-persuni li volontarjament jixtiequ li jkollhom il-mezzi u l-għajnuna meħtieġa sabiex joħorġu mill-prostituzzjoni. Irridu ngħinu lil dawn in-nies iqumu fuq saqajhom u jikkunsidraw alternattivi għal ħajja lil hinn mill-isfruttament.

**2. Riforma tat-Traffikar Uman**

Qed titħejja strateġija nazzjonali fuq dan is-suġġett, il-Gvern se jkun qed jipprovdi r-riżorsi meħtieġa sabiex tibda l-implimentazzjoni tagħha mifruxa fuq il-ħames snin li ġejjin. L-ewwel parti tal-istrateġija se tara tisħiħ tal-istruttura governattiva responsabbli mill-kordinament tal-politika kontra t-traffikar uman, ħidma fuq liġijiet differenti maħsuba sabiex jipprevjenu t-traffikar uman u faċilitajiet aħjar għall-vittmi li jirrikorru għall-għajnuna. Se tiġi estiża l-kampanja nazzjonali ta' edukazzjoni: Uman, Bħalek.

**3. Vjolenza Domestika u Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru**

Barra li se jkompli jingħata taħriġ lill-professjonisti u lil dawk kollha li jaħdmu ma' dawn il-vittmi, se titnieda riċerka lokali dwar l-impatt finanzjarju li għandha l-vjolenza domestika fuq il-vittmi u l-ekonomija Maltija.

**4. Rappreżentanza ugwali fil-Parlament**

Wara li aktar kmieni din is-sena l-Gvern nieda konsultazzjoni pubblika dwar miżuri pożittivi għal rappreżentanza ugwali fil-Parlament, u issa ġie kostitwit il-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija, hu mistenni li dan il-Kumitat iressaq ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu sa tmiem din is-sena. Fl-istess ħin, il-Gvern se jkun qed jimbarka fuq kampanja ta' informazzjoni fil-media b'fondi mill-Unjoni Ewropea permezz tal-programm EQUAL.

**5. Kampanji Edukattivi għaż-Żgħażagħ**

Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jeduka sa minn etajiet żgħar dwar l-effett li d-droga tista' tħalli fuq saħħet il-bniedem. Fid-dawl ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu dwar harm reduction approach fl-użu tal-Kannabis, għas-sena d-dieħla, il-Gvern se jkompli jinvesti f'kampanja edukattiva b'saħħitha fosthom mat-tfal fl-iskejjel li minnha huwa stmat li se jintlaħqu aktar minn disa' t'elef (9,000) student u studenta. Hemm ukoll pjanati inizjattivi oħra fosthom tnedija ta' skema finanzjarja għall-organizzazzjonijiet volontarji bl-isem Achievers bil-għan li dawn jorganizzaw attivitajiet fost it-tfal u ż-żgħażagħ fl-oqsma tal-kultura, mużika u sport.

## 8.14 Il-Qasam tal-Volontarjat

Se nkunu qed naħdmu sabiex Organizzazzjonijiet volontarji ambjentali, li jkunu ilhom iskritti iktar minn ħames snin u li jkunu konformi mal-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji, jiddaħħal capping massimu ta' elf ewro (€1,000) li dawn l-organizzazzjonijiet iħallsu meta jagħmlu appelli quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Sejrin jitkomplew il-preparazzjonijiet meħtieġa biex ikun miftuħ ċentru tal-volontarjat ġewwa Marsaxlokk, filwaqt li nkomplu nsaħħu l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

## 8.15 Aktar investiment fl-Isport

Sur President, wara l-introduzzjoni tal-Istrateġija tal-Isport, issa se nimxu għat-twettiq tagħha fuq medda ta' snin.

Malta se tkun qiegħda tipprepara bis-sħiħ għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'pajjiżna fl-2023. Għalhekk, se nibdew bit-tħejjijiet biex sas-sena indikata nkunu f'pożizzjoni li nġeddu, nimmodernizzaw u nniedu numru ta' faċilitajiet sportivi ġodda għad-dixxiplini sportivi bħalma huma r-Racing Track, t-tennis, l-isquash, il-weightlifting u l-handball. Barra minn hekk se jitkompla x-xogħol fuq il-pixxina indoor ġewwa l-Kottonera u tal-pixxina l-ġdida f'Marsaskala, kif ukoll ikomplu t-tħejjijiet biex eventwalment issir it-tieni fażi tal-kumpless Sportiv tal-Isparar f'Ta' Kandja.

Irrid insemmi li għalaqna l-proċess sabiex b'investiment tas-settur privat ta' aktar minn tmienja u għoxrin miljun ewro (€28 miljun) biex issir ir-riġenerazzjoni tat-trakka taż-żwiemel ġewwa l-Marsa, li se tpoġġi lil pajjiżna fuq il-mappa internazzjonali ta' dan l-isport.

Fejn tidħol it-trakka tal-karozzi, għaddejja ħidma sabiex fi żmien qarib, inkunu f'pożizzjoni li nħabbru żviluppi konkreti.

Se inkunu qed nimbuttaw 'il quddiem il-proposta li f'pajjiżna norganizzaw kompetizzjonijiet sportivi bis-sehem tal-Malta Special Olympics.

Se nniedu kampanja edukattiva u ta' għarfien soċjali għall-promozzjoni tal-isports u l-ġlieda kontra l-abbuż ta' sustanzi fl-isports fost udjenzi differenti inklużi tfal tal-iskola, żgħażagħ u organizzazzjonijiet tal-isports.

Se jinbeda l-proċess ta' applikazzjoni għal park ta' avventura għall-familja kollha fil-Kottonera. Se nkunu qed naraw li dan il-park jagħmel użu minn art mitluqa u li jipproteġi l-ambjent naturali tal-post billi jitfassal park innovattiv bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-istess inħawi.

## 8.16 Ħidma barra minn Xtutna

Il-Gvern, wara li fetaħ Ambaxxata ġewwa l-Ghana, qed isiru preparamenti sabiex tinfetaħ l-ambaxxata ġewwa Tokyo u jibda proċess biex tinfetaħ ambaxxata oħra fl-Amerika t'Isfel.

Sejrin ukoll inkomplu naħdmu biex jinbnew kuntatti diplomatiċi kemm ma' mexxejja kif ukoll ma' pajjiżi barranin sabiex Malta tieħu postha fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda għas-snin 2023-2024.

Id-diplomatiċi tagħna, se jibqgħu jipparteċipaw f'bosta fora reġjonali u internazzjonali li jittrattaw numru sew ta' suġġetti ta' interess Nazzjonali u globali, fosthom il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran, l-immigrazzjoni, is-sitwazzjonjijiet fil-Libja, is-Sirja, il-Lvant Nofsani, it-Tibdil fil-Klima u l-Ħarsien tal-Oċeani.

Sejra titkompla l-ħidma mill-Ambaxxati jew Missjonijiet tagħna barra minn xtutna sabiex mhux biss jibqa' jingħata servizz siewi lil Maltin li jgħixu f'dawn il-pajjiżi u lill-pubbliku Malti f'ċirkustanzi fejn isibu ruħhom f'diffikultajiet waqt żjajjar barra minn Malta, iżda nkomplu nkabbru s-servizzi permezz ta' relazzjonijiet bilaterali, multilaterali u kummerċjali ma' pajjiżi barranin li jwasslu biex numru sostanzjali ta' kumpaniji Maltin jibdew jew ikabbru l-operat tagħhom fi swieq barranin b'opportunitajiet għal skambji kummerċjali.

## 8.17 Affarijiet Ewropej

Sur President, dan il-Gvern se jkompli bil-ħidma tiegħu biex pajjiżna, permezz ta' pakkett ta' fondi ġdid għas-seba' snin li ġejjin, pajjiżna se juża il-politika ta' koeżjoni, u jkompli jagħmel l-aqwa użu u fil-ħin tal-Fondi Ewropej, biex bl-investiment, inkomplu ntejbu il-kwalità ta' ħajja aħjar għall-familji Maltin u nkomplu nsostnu t-tkabbir u l-konsolidament tal-ekonomija Maltija.

Fl-istess waqt se nikkonsolidaw it-tħejjijiet tagħna għal kull eventwalità fir-rigward tat-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea permezz ta' kampanji inter-Ministerjali u informattivi għas-soċjetà ċivili u għall-industriji.

Se ninvestu fl-esperti tagħna biex inġibu l-aqwa pakkett għal Malta fin-negozjati dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-seba' snin li ġejjin. Fl-istess waqt li qed nirsistu biex jintlaħaq qbil dwar mekkaniżmu permanenti għar-rilokazzjoni tal-migranti – kwistjoni li tibqa' prijorità assoluta għall-Gvern Malti u fiduċjuzi li se naslu.

## 9. GĦELUQ

Sur President,

Kien ikun ġustifikat li kieku dan il-baġit għas-sena 2020 iddeċieda li jnaqqas ir-ritmu tiegħu, li qabad sew tul dawn is-seba' snin, b'xita ta' miżuri li xprunaw l-ekonomija ta' pajjiżna filwaqt li jaraw li dan il-ġid jasal għand kulħadd biex jikkonsolida biss dak li għamel.

Kif jista' jiġġudika l-pajjiż dan ma għamlux. Ir-ritmu f'dan il-baġit qed jiżdied u mhux jonqos. Dan jixhdu n-numru ta' miżuri li ppreżenta dan il-Baġit. L-infiq fuq min hu l-iktar fil-bżonn, inkluż l-anzjani, qed jilħaq somom rekord. Biex jekk hemm min hu f'riskju ta' faqar ngħinuh isir ekonomikament iktar independenti. B'dan il-baġit verament soċjali qegħdin ntejbu b'mod reali l-kwalità tal-ħajja għal eluf ta' familji.

Fl-istess ħin qed nelenkaw l-isfidi ġodda ta' żminijietna u qed nispjegaw kif se nindirizzawhom.

Fuq kollox bħal ta' qablu, dan il-baġit qed iżomm il-prudenza fuq l-infiq biex pajjiżna ma jkollux bżonn jiddejjen. Għal kuntrarju qed iġemma' għall-futur, għal uliedna.

Dan biex jekk hemm xi riskji internazzjonali npattu għalihom u nżommuhom 'il bogħod minn xtutna.

Iva Sur President, dan il-Baġit iridna (MALTA) INKOMPLU NIKBRU FLIMKIEN.